# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Numru 5**

**Rikors numru 6/09 JPG**

**Grace Gatt**

**v.**

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u**
**l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrenti minn decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fl-14 ta' Lulju 2015 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi cahdet it-talbiet attrici li kienu fis-sens li l-ewwel Qorti tiddikjara li hemm il-

vjolazzjonijiet tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] indikati minnha fir-rikors promotur u sabiex taghti lir-rikorrenti "kumpens xieraq" u rimedju li jinkludi dikjarazzjoni li r-regolament 12[10] tar-Regolamenti tal-Procedura u Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku [ir-Regolamenti] hija vjolattiva tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni u tordna t-thassir tad-decizjoni mehuda fil-konfront taghha; bl-ispejjez jkunu bla taxxa.

2. Il-parti relattiva tar-rikors promotur indikanti d-dispozizzjonijiet li fuqhom l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghhom taqra hekk:

> (1) "Vjolazzjoni tal-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea citata, u dan dwar li giet intervistata meta kienet sospiza minn kull funzjoni tal-Korp u kienet cittadina privata. Ghandu jinghad li kull cirkolari jew memo li johrog il-Kummissarju ma jistax ikun kontra d-drittijiet fondamentali tal-membru tal-korp, specjalment f'materji li ma kellhomx x'jaqsmu mal-funzjonament tal-korp. Ghandu jinghad hawn li l-organi ta' Strasbourg sahansitra jinsistu li l-pulizija ghandhom dritt li jkollhom union taghhom bhal kull haddiem iehor, haga li mhix possibbli taht il-legislazzjoni maltija. Jekk ghandhom dritt ta' l-assocjazzjoni ghandhom ukoll id-dritt tal-liberta' tal-espressjoni, specjalment meta ma jkunux qed jagixxu fil-funzjoni publika.
>
> (2) "Vjolazzjoni ta' trattament diskriminatorju mill-Kummissarju tal-Pulizija skond l-Art 14 tal-Konvenzjoni marbut mal-artiklu 6 u dan peress li d-decizjoni tieghu, unilaterali ta' tkeccija. Il-Kummissarju tal-Pulizija akkuza ( u naturalment instabet hatja) li skond l-akkuza (D) fid-dokument A agixxiet b'mod dizordinat u jew b'xi mod ta' pregudizzju jew li x'aktarx igib telf ta' riputazzjoni ta' isem jew is-servizz tal-pulizija. Pulizija li gew misjuba hatja ta' reati gravi kommessi minn pulizija waqt li kienu pulizija u mhux sospizi, li kienu ghamlu wkoll agha fil-pajjiz, regghu dahlu fil-korp halli tissahhah ir-riputazzjoni.
>
> (3) "Vjolazzjoni tal-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni citata u dan stante li kontra l-Public Service Commission u d-decizjonijiet taghha ma hemm

> l-ebda rimedju hlief dak li tkun inkisret il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319)"

## L-Appell

3. Ir-rikorrenti tibbaza l-appell taghha fuq erba' aggravji: [1] li hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba nuqqas ta' tribunal imparzjali biex jisma' l-akkuzi mressqa kontra r-rikorrenti; [2] li hemm vjolazzjoni skont l-Artikolu 14 [marbut mal-Artikolu 6] tal-Konvenzjoni tad-dritt tar-rikorrenti li ma tigix diskriminata; [3] l-inkompatibbilita` tal-Artikolu 12[10] tar-Regolamenti tal-Public Service Commission mal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni u mal-Artikoli 2[2] u 2[3] tal-Protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni u vjolazzjoni ta' dawn l-ahhar artikoli; u [4] ksur tad-dritt tal-liberta` tal-espressjoni protett fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.

## Is-Sentenza Appellata

4. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Mix-xhieda tar-rikorrenti Grace Gatt a fol. 25 et seq, jirrizulta illi hija dahhlet bhala membru fil-Korp tal-Pulizija bin-numru WPC59 fil-14 ta'Gunju 1990.
>
> "Fi Frar 1999 hija kienet giet sospiza ghaliex l-Pulizija shabha kienu ghamlu gabra ghal bzonnijiet tat-tifel taghha li kien marad serjament tant illi kien jinhtieg li tiehdu ta' sikwit Great Ormound Street Hospital fir-Renju Unit. Hadd ma kien gibdilha l-attenzjoni li kien jehtieg xi permess ghal dan.

"Di piu' kienu saru gabriet ghal-bzonnijiet tal-familja ta' zewg membri tal-Pulizija u dawn ma gewx imressqa bi frodi. Is-sospenzjoni taghha gabet maghha konsegwenzi finanzjarji prekarji tant li bdiet tara kif tista' tawmenta d-dhul. Ghalhekk bdiet taghmel xoghol ta' gbir ta' dejn u *private investigation* waqt li kienet sospiza.

"Fost dawn, kien hemm investigazzjoni dwar tifla ta' mara Maltija li giet misruqa minn Malta u ttiehdet is-Sirja u b'diffikolta' kbira irnexxielha titracca t-tifla u tirritornha lill-ommha f'Malta.L-omm tat l-informazzjoni lill-gurnali u Grace Gatt giet intervistata mill-gurnali u sahhansitra ukoll fuq it-*television*. Gatt xhedet li hija kienet intervistata bi skop li tqanqal taghrif u konnoxxenza dwar il-problemi li jinqalghu meta nisa Maltin jizzewgu barra mill-kultura taghhom. Gatt xhedet illi hija ma tkelmitx bhala membru tal-Korp tal-Pulizija - vide fol. 28.

"Wara gimgha, giet arrestata talli ghamlet xoghol privat bla permess, u gimghatejn wara, rceviet akkuza li kienet gabet il-Korp tal-Pulizija f'disprezz; li sifret minghajr permess ta' Public Service Commission (PSC); li tkellmet fuq it-*television* minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

"Grace Gatt xhedet li l-Kummissarju tal-Pulizija kien nformaha li ser jinhatar Bord Intern tal-Pulizija biex jezamina l-akkuzi u jghaddiha lil PSC ghad-decizjoni tieghu. Gatt ilmentat li l-Kummissarju kien qieghed jahtar l-Imhallfin, Membri tal-Korp dixxiplinat li huma obbligati li jobdu ghalhekk ma kienux mparzjali u ndipendenti. Grace Gatt xhedet illi l-Bord sab il-htija.

"Grace Gatt sostniet illi l-PSC kienet ikkoncentrat biss fuq is-safar bi ksur ta' 12(10) tar-Regolamenti tal-PSC taghha fi zmien ta' sospenzjoni ghalkemm hija rribadiet illi kellha dritt ssiefer, skond il-Kostituzzjoni u l-Qorti Ewropea. Il-PSC hadet decizjoni taghha li Grace Gatt tkecciet mill-Korp tal-Pulizija.

"Konsegwentement hija tilfet nofs il-paga ghaz-zmien kollu li kienet sospiza, tilfet il-karriera taghha u qed titlob ghar-rizarciment tad-danni.

"Quddiem il-Qorti tal-Magistrati hija kienet giet liberata mill-akkuza ta' frodi u misjuba hatja biss talli ghamlet gbir ta' flus minghajr permess tal-Pulizija u nghatat *probation* ghal sitt xhur a fol. 30.

"Grace Gatt ezebiet permess rilaxxat mid-divizjoni tal-Edukazzjoni ghal gbir fi skejjel, u certifikati medici u tad-dhul fl-isptar Great Ormond , kopji tal-gurnali u biljetti tal-ajru.

"Paul Sammut a fol. 55 Segretarju tal-PSC kkonferma li Grace Gatt ghaddiet min proceduri kriminali u sussegwentement bi proceduri dixxiplinari u giet sospiza mix-xoghol pendenti l-proceduri.

“Gara li waqt li kienet sospiza, Gatt kienet siefret u ghamlet xoghol privat u dan bi ksur tar-regolamenti. Sammut ikkonferma li l-Qorti tal-Magistrati kienet sabet htija, u kienet giet misjuba hatja fil-proceduri dixxiplinari u ghalhekk PSC rrekomandat t-tkeccija taghha mill-Korp.

“Il-Maggur Noel Felice ezebixxa r-rapport finali tal-Bord Dixxiplinarju fi hdan il-Korp Tal-Pulizija – NF1 (a fol. 61 et seq.); NF2 t-tkeccija taghha; NF3 ittra ta’ Dr. Brincat tal-5 t’April 2006. Il-Maggur Felice, ma kienx jaf l-esitu tal-kaz tas-Surgent tal-Pulizija li sawwat turist, pero jaf li dan rega ddahhal lura fil-Korp. Gie ezebit NF4 l-ittra tal-PSC datata 2 ta’ Dicembru 2007, sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Dok. NF5 a fol. 92, u NF6 a fol. 98, sentenza tal-Qorti tal-Appell.

“Grace Gatt a fol. 108 et seq, kkonfermat ix-xhieda li hi tat fl-affidavit. Hija kompliet tghid illi in segwitu tas-sospenzjoni taghha, kienet talbet u kisbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex ssiefer minhabba il-marda tat-tifel taghha.

“Hija sostniet illi meta hija kienet kostretta taghmel xoghol ta’ *private investigation* ma kienx hemm regolamenti li jesigu xi licenzja. Hija ezebiet gazzetta tal-20 t’Ottubru 2007 (Il-Gens) Dok. R2. Wara li giet mis-Sirja ma kientx taf li kien hemm bzonn ta’ licenzja u applikat ghaliha malli saret taf – Dok. R3, R4.

“Di piu, Gatt ssostni li ma nghatatx ghazla bejn rezenja u sospenzjoni , kif inghataw lil zewg membri tal-Pulizja , a fol. 110.

“Ezebit Dok. R6 estratt mis-Sunday Times tas-7 ta’Mejju 2008 dwar Pulizja li kien vvinta storja li salva mara u nghata medalja. Gew ezebiti talba ghal permess lil Prim Ministru Dok. PM, PM2 u acknowledgement.

“Spettur Marisa Camilleri a fol. 138, ezebiet Dok. MC1 il-file tar-rikorrenti Grace Gatt relattivi ghal proceduri kontriha quddiem il-Bord Dixxiplinari Dok. MC1.

“Spettur Sandro Camilleri a fol. 146, xhed illi *“hija perogattiva li hafna drabi persuna, membru tal-Korp tal-Pulizija li jigi akkuzat jinghata d-dritt li jaghzel li jirrezenja gialadarba li l-akkuza tkun harget b’aggravju ta’ Ufficcjal Pubbliku*”. Kkonferma li PC Jean Pierre Abdilla nghata tali ghazla. Abdilla kien gie misjub hati mill-Qorti u qieghed jiskonta sentenza. PS David Sant nstab hati mill-Qorti li agredixxa mara anzjana Franciza izda kien hemm rakkomandazzjoni mill-Imhallef fl-Appell sabiex ma jitkecciex mil-Korp. Rigward PS Adrian Lia, li kien gideb li ghamel att ta’ kuragg, ma kienx hemm proceduri kriminali izda gie dizgradat mir-ranks kollha tieghu, u ghadu fil-Korp. Ma kienx f’posizzjoni jaghti informazzjoni fuq ex PC Brincat.

“Spettur Sandro Camilleri ma kienx jaf jekk Grace Gatt inghatatx l-istess ghazla li tirrezenja jew tghaddi procedura (a fol. 152).

Ghalkemm kull membru ghandu l-ghazla li jirrezenja, Camilleri xhed li huwa l-Prim Ministru li jrid jaccetta dik ir-rezenja.

"**Camilleri xhed li ma kien hemm ebda talba da parti ta' Grace Gatt sabiex tirrezenja.**

"Charles Polidano a fol. 171, xhed illi kien Segretarju Esekuttiv tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku u pprezenta il-file Dok. CP1 ( Vide fol. 174 et seq.).

"Fil-proceduri quddiem il-Public Service Commission xhedet ir-rikorrenti u tat l-istess sekwenza t'eventi li jidhru fix-xhieda f'din il-kawza (Vide PSC *yellow file* affidavit ta' Grace Gatt tat-23 ta' Marzu 2009 li mieghu hemm mehmuz certifikati minn sptarijiet Maltin u Inglizi u kopji ta' gurnali u biljetti tal-ajru a fol. 257 sa 260) Gew ezebiti ukoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kontra Grace Gatt per Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona u sentenza tal-Qorti tal-Appell deciza 20 ta' Settembru 2007. Konsegwenza ta' dawn il-proceduri, Grace Gatt instabet hatja tat-tielet u raba akkuza cioe' gbir ta' flus mhux awtorizzat bi ksur ta' Artikolu 3 Kapitolu 279 bl-aggravju t'Ufficjal Pubbliku bi ksur t'Artikolu 141, u inghatat *conditional discharge* ghal fuq perjodu ta' sitt xhur. Dawn is-sentenzi jinstabu ezebiti fil-PSC *yellow file* .

"Illi fil-proceduri tal-PSC (ezebiti u annessi) instemghu hmistax –il xhud – Vide fol. 222.

"Alphonse Cauchi *Head of Security* mal-Air Malta ikkonferma li Grace Gatt siefret f'erba' okkazzjonijiet cioe' 8 ta' Mejju 2005, 14 ta' Lulju 2005, 31 ta' Lulju 2005, 12 ta' Novembru 2005 izda ma setghax jikkonferma li Grace Gatt, li siefret kienet l-istess persuna tar-rikorrenti.

"Eric Seracino, *Assistant Director Management Personnel Office* fl-ufficcju tal-Prim Ministru xhed li skond *Regulation* 12(10) tal-Procedura tad-Dixxiplina, membru tal-Korp jew *Public Officer* kien jehtieg li jigi awtorizzat mill-*Permanent Secretary* tal-Ufficcju tal-Prim Ministru sabiex isiefer u kien jehtieg li jigi awtorizzat mill-*Permanent Secretary* tal-Ufficcju tal-Prim Ministru biex jaghmel xoghol privat.

"Joseph Debattista, impjegat fid-Dipartiment tal-Libreriji u Arkivji, ezebixxa l-harga tal-gazzetta Kulhadd tal-25 ta' Dicembru 2005.

"Sandro Mizzi mill-*Accounts Department* fi hdan il-Kwartieri Generali tal-Pulizija , ikkonferma li WPC 59 Grace Gatt kienet ilha tircievi nofs is-salarju mid-data tas-sospenzjoni taghha cioe mit-2 ta' Gunju 2001 sa 2005 u ezebixxa kopja tal-P3s.

"Noel Felice fi hdan il-*Human Resources Section* fi hdan il-Kwartieri Generali tal-Pulizija xhed li WPC kienet ghadha membru fil-Korp tal-

Pulizija u qatt ma kienet talbet bil-miktub sabiex issiefer jew sabiex taghmel xoghol privat.

“PC443 Vincent Mifsud mill-Ufficcju tal-Licenzji tal-Pulizja, ikkonferma li WPC 59 Grace Gatt ma kellhiex licenzja biex tahdem bhala *private guard* jew bhala *local warden*.

“Spettur Raymond Aquilina tal-*Vice Squad* xhed illi hu flimkien mal-Ispettur Victor Aquilina kienu qed jinvestigaw kaz ta’ pornografija ta’ tfal u fl-investigazzjonijiet irrizulta li WPC 59 Grace Gatt kienet agixxiet bhala *private investigator*. Infatti Dolores Camilleri informat lill-Ispettur Aquilina li WPC 59 Grace Gatt kienet akkompanjatha f’okkazzjoni wahda u fil-25 t’Awwissu 2005, ssekwestrat il-kompjuter tar-ragel ta’ Camilleri. Fis-26 t’Awwissu 2005 il-Pulizija kienet rceviet lment mill-Avukat difensur ta’ Dolores Camilleri – Vide fol. 225.

“L-Ispettur Aquilina xhed li fil-fatt mir-ricerka li ghamel irrizulta li Grace Gatt kienet qeghda indikata bhala *private investigator* bil-*mobile number* 79419966 fuq il-website www.privateinvestigation.malta.com bl-indirizz Bartolo Enterprises Limited , Leli Falzon Street Naxxar u jidher illi Grace Gatt kienet Direttrici tal-istess socjeta. Dan gie konfermat ukoll mal-MFSA. Spettur Aquilina xhed li kien intervista lir-rikorrenti Gatt izda din ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda tieghu.

“Fis-6 ta’ Jannar 2006, fuq ordnijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, Spettur Aquilina kien ha sehem f’program televiziv “Arena” f’liema program kienet ippartecipat Grace Gatt li tat rakkont ta’ kif marret is-Sirja u rnexxielha tirritorna tifla minn taht il-kustodja ta’ missierha, lura Malta.

“In kontro-ezami l-Ispettur Aquilina xhed li ma ghamel ebda applikazzjoni lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru sabiex jidher fuq dan il-programm ‘l ghaliex kien ordnat mill-Kummissarju tal-Pulizja sabiex jaghmel dan.

“PC1155 Christopher Mangion ezebixxa *transcripts* u l-*video tapes* tan-*news* tal-25 u 26 t’Awwissu 2005 ta’ Super One Tv.

“WPC255 Roberta Fenech ezebiet *video cassettes* tal-programm “arena” li deher fuq l-istazzjon Net Tv u Super One Tv li fihom dehret Grace Gatt.

“Fit-tieni xhieda tieghu tat-2 ta’ Gunju 2006 a fol. 228, Eric Seracino ikkonferma li WPC 59 Grace Gatt ma kienitx awtorizzata li ssiefer jew li taghmel xoghol privat.

“Marika Alhamo ghazlet li ma tirrispondi ebda domanda maghmula lilha fir-rigward tat-tifla taghha Samira a fol. 228 u 229.

"Spettur Angelo Gafa xhed li fit-23 ta' Jannar 2006 beda investigazzjonijiet rigwardanti reklam ta' *private investigator* li deher fil-gazzetta Kulhadd li fih kien hemm mobile number 79419966 registrat f'isem Grace Gatt Id 34568(G), u *website* u *email address*. Spettur Gafa spjega l-investigazzjonijiet kollha biex wasal ghall-identifikazzjoni ta' Gatt. Spettur Gafa baghat ghal- WPC 59 Grace Gatt li verbalment ikkonfermatlu li hija kienet qeghda taghmel xoghol ta' *private investigator* u dan minhabba s-salarju baxx taghha, izda Gatt irrifjutat li twiegeb ghad-domandi bil-miktub. L-Ispettur ezebixxa l-*istatement* mhux iffirmat ta' WPC 59 Grace Gatt, kopji t'*invoices* tal-Allied Newspapers, *business cards*, *letter head* fost ohrajn. Spettur Gafa xhed li huwa tkellem ma diversi gurnalisti li ikkonfermawlu li Gatt kienet ikontribwiet diversi artikoli lit-Torca u l-Malta Independant On Sunday u l-Malta Independant. Ikkonferma wkoll li Gatt kienet talbet lil gurnalista Ramona Portelli biex twaqqaf il-publikazzjoni t'artikolu intestat *What's Up*. Spettur Gafa ikkonferma li Sean Ellul ta' *Standard Publication* ikkonferma li WPC 59 Grace Gatt kienet ikkontribwiet ghall-artikolu intestat *The work of a private investigator* liema artikolu kien ghadu ma giex publikat.

"Spettur Angelo Gafa ikkonferma li WPC 59 Grace Gatt kienet hadet sehem programm televiz "Arena" fis-6 ta' Jannar 2006 li deher ukoll fuq One News. Spettur Gafa xhed li kien kellem ukol lil Lourdes Castillo li konfermatlu li hija kienet ilha tahdem bhala *private investigator* flimkien ma Grace Gatt ghal erba' snin. Spettur Gafa ikkonferma li wettaq tfitxija fir-residenza ta' Grace Gatt u eleva tlett komputers u *laptop* waqt illi kkjarifika li kien, f'okkazzjoni precedenti, eleva *laptop* iehor.

"Joe Cini *Assistent Director Human Resources* mal-Ministeru tal-Gustizzja u tal-Intern, ikkonferma li Grace Gatt ma kienet talbet ghall-ebda permess minghand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeri tieghu sabiex tahdem *part-time* fil-privat. Lanqas ma talbet permess biex issiefer.

"Spettur Paul Caruana fi hdan is-*Cyber Crime Unit* ikkonferma li l-Ispettur Gafa talbu jispezzjona kompjuter mir-residenza ta' Grace Gatt. Spettur Caruana ikkonferma li fil-kompjuter sab **diversi imagini ta' reklami ta' *private investigations agencies*** bin-numru **79419966** u *email address* **infor@privateinvestigationmalta.com** u ta dettalji ta' dawn ir-reklami a fol. 239 .

"Spettur Simon Galea a fol. 239 ezebixxa kopji ta' korrispondenza bejn il-Pulizija u l-*Broadcasting Authority*.

"Fl-affidavit tieghu a fol. 264, Dr. Joseph Brincat xhed li ma kienitx il-procedura normali tieghu li jintervjeni biex jixhed izda kellu l-ezenzjoni tal-klijenti tieghu sabiex jaghmel dan. Dr. Brincat xhed li huwa kien assista lil Grace Gatt fi proceduri quddiem il-Bord mahtur mill-Kummissarju tal-Pulizija u quddiem il-Public Service Commission. Dr.

Brincat xhed li meta beda iqanqal kwistjonijiet legali c-Charman dar fuqu u qallu *“ahna dawn l-affarjiet ma jinteressawniex, ahna mistoqsija wahda rridu naghmlu, siefret jew ma sifrietx minghajr il-permess tal-Public Service Commission.”* Dr. Brincat xhed li Grace Gatt kienet irrispondiet li veru li kienet siefret diversi drabi minhabba l-kura medika li kellu bzonn it-tifel taghha. Apparti l-punt dwar is-safar, ebda punt iehor ma gie trattatt quddiem l-Bord tad-Dixxiplina, waqt li l-Public Service Commission kienet ghadha qedgha tirrifjuta tghid x’gara u x’kienu l-konsiderazzjonijiet taghha.

“Permezz ta’ nota tat-13 ta’ Gunju 2012 il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku pprezentat id-dokumenti mitluba skond id-digriet tat-12 ta’ Jannar 2012 – Vide fol. 268 sa 324.

“Paul Sammut f’affidavit tieghu a fol 330, rega ikkonferma l-kariga tieghu bhala Segretarju tal-PSC fiz-zmien rilevanti u cioe’ bejn Jannar 2004 sa April 2010. B’referenza ghall-affidavit ta’ Dr. Brincat, xhed li Dr. Brincat bhala l-avukat difensur tar-rikorrenti, inghata l-opportunitajiet kollha, kif jidher mill-minuti tas-seduti tat-3 t’Awwissu 2006, 10 t’Awwissu 2006, 22 t’Awwissu 2006; illi di piu fis-seduti tal-31 t’Awwissu 2006 u 26 t’Ottubru 2006 il-Kummissjoni iddeliberat il-kaz u hadet il-parir legali tal-Avukat tal-Kummissjoni. Gew ezebiti d-dokumentazzjoni minn fol. 331 sa 354 li juru dan.

“Spettur Sandro Camilleri a fol. 355 mill-Ufficcju Legali tal-Pulizija , ikkonferma li Grace Gatt, kienet giet interdetta mil-qadi ta’ dmirijiet u sospiza b’nofs paga  fit-2 ta’ Gunju 2001, u ikkonferma li fil-15 ta’ Frar 2001 hija kienet giet akkuzata u dehret quddiem il-Magistrat Micallef Trigona. Grace Gatt kienet tkecciet mill-Korp fil-21 ta’ Dicembru 2006. Fit-2 ta’ Gunju 2006 hija kienet instabet hatja li hadmet bhala Gwardjan minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, ammettiet l-akkuzi u wehlet sena prigunerija sospiza ghal sentejn.  Spettur Sandro Camilleri xhed illi Grace Gatt ma kienitx talbet u ma inghatatx permess mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Gustizzja u Intern, sabiex taghmel xoghol privat waqt li kienet sospiza fuq nofs salarju; u lanqas ma kienet talbet permess bil-miktub mill-Kap tas-Servizz Pubbliku sabiex ssiefer minn Malta jew sabiex tidher fuq programmi televizivi.

“Spettur Sandro Camilleri in kontro-ezami ma kienx f’pozizzjoni li jirrispondi jekk kemm-il darba il-PSC waslitx ghar-rekomandazzjonijiet taghha minhabba l-proceduri kriminali migjuba kontra Grace Gatt jew ghaliex din kienet siefret  u dehret fuq it-televizjoni.

“Supretendent Mario Spiteri a fol. 364 xhed li huwa kien inkarigat mill-*Human Resources* fi hdan il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Huwa ikkonferma li Grace Gatt dahhlet fil-Korp tal-Pulzija fl-14 ta’ Lulju 1990, kienet inghatat doveri f’diversi distretti sakemm giet sospiza f’Gunju 2001. Supt. Spiteri ikkonferma li wara ghaddiet minn proceduri quddiem l-PSC, din rrakomandat t-tkeccija taghha. Kien dejjem l-Prim

Ministru li jkecci ufficcjal pubbliku fuq parir tal-PSC. Supt. Spiteri ezebixxa Dok. MSX1 a fol. 390, kopja tal-fedina peanli aggornata ta' Grace Gatt.

"Fit-22 ta'Jannar, 2007, il-Kummissarju nforma lill-Grace Gatt li l-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Public Service Commission, approva tkeccija taghha mis-servizz b'effett mill-21 ta' Dicembru, 2006. Gew ezebiti ukoll Dok. MSX2, MSX3 u MSX4 sentenza tal-Magistrat Saviour Demicoli datata 23 ta' Mejju 2007 – a fol. 392; sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 20 ta' Settembru 2007 a fol. 396 u sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, Magistrat Antonio Micallef Trigona datata 2007 a fol. 402. Ezebixxa ukoll Dok. MSX6 fol. 410 il-proceduri quddiem il-Bord tad-dixxiplina. Ezebixxa Dok. MSX7 a fol. 435 l-interdezzjoni ta' Grace Gatt minn funzjoni tal-kariga taghha.

"Is-Supretendent Spiteri ezebixxa wkoll Dok. MSX8 sentenza tal-Qorti tal-Appel fl-ismijiet **Pulizija vs David Sant** u Dok. MSX9 sentenza fl-istess ismijiet moghtija mill-Magistrat Silvio Meli fl-10 ta' Lulju 2007.

"Supretendent Spiteri ikkonferma li minkejja David Sant inghata sentenza ta' erba' xhur pruginerija sospizi ghal sena, Sant talab u inghata permess li jirtira hamsa u ghoxrin sena servizz. Fil-kaz ta' PC656 Adrian Lia li kien gideb dwar att ta' kuragg kien gie *demoted* kif jidher Dok. MSX10 a fol. 455. Di piu, PC Lia ma baqax fil-Korp ghaliex gie akkuzat b'reat kriminali u rrezenja qabel tressaq. Ghar-rigward ta' Jean Pierre Abdilla, jirrizulta li dan ukoll talab biex jirrezenja qabel tressaq fuq traffikar ta' droga – vide sentenza Dok. MSX11 a fol. 456. In oltre, PS938 Anthony Brincat akkuzat li seraq *badge* tal-Korp tal-Pulizija, ghazel li jirrezenja mill-Korp qabel tressaq. Is-Supretendent Spiteri kkonferma li f'kaz il-Prim Ministru ma jaqbilx mal-parir tal-PSC u jibghat lura l-kaz lil PSC, jekk il-PSC tikkonferma l-parir originali taghha, l-Prim Ministru ma jkollux triq ohra ghajr li jezegwixxi t-tkeccija. Supretendent Spiteri kkonferma li l-PSC s-solitu ma taghtix l-parir taghha qabel ma jigu ezawriti l-proceduri kriminali, pero tista' taghmel dan.

"Supretendent Spiteri xhed li kull membru tal-Korp tal-Pulizija huwa obbligat bil-gurament tieghu biex jobdu l-Kummissarju tal-Pulizija, izda pero fil-kazijiet kollha fejn l-Pulizija jkunu qed jagixxu bhala Membri ta' Bordijiet Dixxiplinarji huma jmorru quddiem l-Avukat Generali u jiehdu gurmament t'imparzjalita' fl-inkarigu taghhom fil-Bord dixxiplinarju.

"Supretendent Spiteri innega li kien hemm xi agha fil-gurnali dwar Grace Gatt, dak li jaf hu kien li hija dehret fuq xi programmi ta' "Xarabank". Supretendent Spiteri xhed li jista' jkun li gbir ta' flus da parti ta' Grace Gatt kien konness mal-qaghda medika tat-tifel taghha.

"Supretendent Spiteri xhed illi jista' jinghata permess biex membru tal-pulizija jaghmel xoghol privat basta ma jkun kuntrarju ghax xoghol tal-Pulizija u previa li jintalab il-permess.

"In ri-ezami Supretendent Spiteri ikkonferma li Grace Gatt qatt talbet permess biex taghmel xoghol privat. **Ikkonferma wkoll li dan il-permess ma kienx jinghata 'l ghaliex bhala Pulizija ma tistghax taghmel xoghol ta' *private guard* jew *warden*.** Illi di piu' hija kienitx talbet permess minghand il-Kap tas-Servizz Pubbliku sabiex tidher fuq programmi televizivi.

"Spettur Marisa Zammit  a fol.483, xhedet fil-25 ta' Lulju 2001 Gatt kienet kitbet lill- Kummissarju tal-Pulizija sabiex issiefer  minhabba l-qaghda medika tat-tifel taghha, li kien approva tali rikjesta. Spettur Zammit xhedet li **ma kien hemm ebda talba ulterjuri ghal safar** – vide fol.487. Jirrizulta fil-5 ta' Gunju 2001 l-Avukat Brincat ghan-nom ta' Gatt  kien kiteb lil Kap tas-Servizz Civili – Dok. MZ7  a fol. 493 sabiex tinghata  permess biex issiefer anki f'kaz t'urgenza liema permess inghata fil-31 ta' Lulju 2001 – fol. 487. **Ebda talba precedenti ghal-permessi ma saret jew  inghata.**

"Spettur Zammit ikkonfermat li minkejja membru tal-Korp ikun sospiz xorta huwa konsidrat membru tal-istess Korp.

"Fl-affidavit tieghu Eric Seracino ta rendikont bid-dati precizi tal-process li minnu ghaddiet Grace Gatt:

- "Fit-28 ta Mejju 2001 giet interdetta mill-ezercizzju tad-dmirijiet taghha bhala membru tal Pulizija;

- "Fit-30 ta' Lulju 2001 il-permess tal-ivvjaggar ta' Grace Gatt gie approvat mis-Segretarju Permanenti mill-Ufficcju tal-Prim Ministru;

- "Fis-20 ta' Jannar 2006 il-Kummissarju tal-Pulizija informa lis-Segretarju Permanenti li Grace Gatt kienet hadet sehem fil-programm ta' Xarabank iddikjarat li kienet marret is-Sirja u ghamlet xi xoghol hemmhekk, u dana bla permess kif stipulat f'regolament 12 (10) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina;

- "Fid-9 ta' Marzu 2006 s-Segretarju Permanenti Ewlieni informa lill-Kummissarju tal-Pulizija li ser jittiehdu proceduri dixxiplinari kontra Gatt skond Regolament 20.

- "Il-proceduri dixxiplinari kontra Gatt kienu jikkontemplaw tlett akkuzi :

i. "Safar bla permess bi ksur ta' Reg. 12 (10) tar-Regolamenti tad-Dixxipplina;

ii. "Xoghol privat bla permess bi ksur ta' Artikolu 7.3 tal-Public Service Mangement Code;

iii. “Partecipazzjoni f’programm televiziv bla permezz bi vjolazzjoni ta’ *circular* GHQ/47/2002;

iv. “Kondotta li tnaqqas ir-reputtazzjoni tal-Korp tal-Pulizija.

- “Il-Bord tad-Dixxiplina sab lil WPC Gatt hatja tal-akkuzi mihjuba kontra taghha.

- “Fit-2 ta’ Novembru 2006 il-Kummisjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ghamlet ir-rakkomandazzjoni taghha lil Prim Ministru u rrakkomandat it-tkeccija taghha mis-servizz.

- “Fil-21 ta’Dicembru 2006 il- Prim Ministru approva r-rakkomandazzjoni tal-PSC.

- “Fit-22 t’Ottubru Grace Gatt ghamlet petizzjoni skond Reg 33 sabiex il-kaz jigi rivedut u l-PSC cahdet it-talba taghha.

“**Ikkonsidrat:**

“Ir-rikorrenti fil-kawza odjerna talbet lill-Qorti tiddijara li gew lezi d-drittijiet fondamentali taghha taht:

“Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
“Art 2 (2) u (3) tal-Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea; inkompattibilita ta’ “Artiklu 12 (2) tar-Regolamenti tal-PSC u ta’ Artiklu 44 tal-Kostituzzjoni;
“Art 10 tal-Konvenjzoni Ewropea;
“Art 14 abbinat ma Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;
“Art 13 tal-Konvenzjoni Ewropea .

“**Ikkonsidrat:**

“L-ewwel eccezzjoni tal-Prim Ministru huwa fis-sens li huwa mhuwiex illegittimu kontradittur il-ghaliex huwa agixxa fuq il-parir tal-PSC skond Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni biex itemm impjieg ta’ impjegat pubbliku u ma ezercita ebda diskrezzjoni da parti tieghu, izda ezegwixxa biss ir-rakkomandazzjoni tal-istess Kummissjoni u li ghalhekk ai termini tal-Artiklu 181 B Kap 12 ghandu jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“L-Artikolu 181 B tal-Kap 12 jistpula li:

> “***181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:***
>
> “***Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu:***
>
> “***(a) kawżi għall-ġbir ta’ ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f’kull każ isiru mill-Accountant General;***

"***(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;***

"***omissis***" (Enfasi ta' din il-Qorti)

"Il-gurisprudenza nostrali hija fis-sens li l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku tghamel biss rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru dwar interalia terminazzjoni u dixxiplina fuq persuni mpjegati fis-Servizz Civili, u li, **minn naha tieghu, l-Prim Ministru, jezercita l-funzjoni tieghu skond dik ir-rakkomandazzjoni**, salv ghal fakolta mghoti lilu li jibghat ir-rakkomandazzjoni lura lill-Kummissjoni ghar-rikonsiderazzjoni meta jkun marbut bid-decizjoni taghha. - Vide Artiklu 86 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali deciza fis-17 ta' Settembru, 2013 fl-ismijiet **Grace Sacco vs Onor. Prim Ministru et**. Ghandu jinghad li Artikolu 181B (b) tak Kap 12 hija fakoltattiva u mhux mandatorja.

"Ghaldaqstant tichad tali eccezzjoni.

"Fil-meritu, irid jinghad illi illi huwa inkontestat illi r-rikorrenti giet ingaggata fil-Korp tal-Pulizija b'mod volontarju. Mid-data tad-dhul taghha fil-Korp tal-Pulizija hija volontarjament assoggettat ruhha ghar-regolamenti kif stipulati fl-Att Dwar il-Pulizija Kap 164 u r-Regolamenti ta' Procedura ta' Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku.

"Huwa mifhum ukoll illi dawn il-Ligijiet u Regolamenti japplikaw lill-membri tal-Korp tal-Pulizija anki meta dawn ikunu sospizi b'nofs paga.

"Huwa risaput illi mad-dhul fil-Korp tal-Pulizija, kull membru huwa tenut li jahlef bil-gurament li jkun fidil lejn il-Ligijiet tal-pajjiz b'mod specjali dawk li jorbtu l-Pulizija.

"Artiklu 12(10) tar-Regolamenti ta' Procedura ta' Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku jistipola:

"***An officer who is temporarily suspended due to criminal proceedings instituted against him shall seek the permission of the Permanent Secretary of the relevant Ministry if he wishes to travel outside the Schengen area. Prior to granting such permission the Permanent Secretary of the relevant Ministry shall consult the Commissioner of Police. Any such officer who leaves Malta without the required permission shall be liable to disciplinary action, which action may be one leading to dismissal.***"

"Il-Qorti tghaddi biex tezamina il-lanjanzi tar-rikorrenti ai termini tal-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li tipprovdi:

"***(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f 'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.***

"***(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.***

"***(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:***

"***(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u biddettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;***

"***(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;***

"***(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi talġustizzja jeħtieġu hekk;***

"***(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;***

"***(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.***"

"L-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward huwa fis-sens illi il-Bord ta' Dixxiplina u sussegwentament il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku li nhatar sabiex jiddetermina l-kaz ta' Grace Gatt ma kienux Tribunali Imparzjali jew Indipendenti.

"Ir-rikorrenti ilmentat illi il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku kellha biss poteri ta' revizjoni ta' dak li stabbilixxa il-Bord ta' Dixxiplina mahtur mill-Kummissarju tal-Pulizija. Illi l-Bord ta' Dixxiplina jinhatar mill-Kummissarju tal-Pulizija u huwa kostitwit mill-membri tal-istess Korp li nvestigaw u waslu ghall-konkluzjonijiet taghhom fuq akkuzi mahruga mill-istess Kummissarju. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti tilmenta illi la hemm effettivita ta' mparzjalita u ndipendenza wisq anqas apparenza tal-istess u ccitat paragrafi 36 sa 40 tad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Findlay vs United Kingdom** App. No. 22107/93 deciza fil-25 ta' Frar, 1997. Il-Qorti rat u ezamit din is-sentenza tal-ECHR fejn irriteniet f'paragrafu 73:

> "*73. The Court recalls that in order to establish whether a tribunal can be considered as "independent", regard must be had, inter alia, to the manner of appointment of its members and their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence (see the Bryan v. the United Kingdom judgment of 22 November 1995, Series A no. 335-A, p. 15, para. 37).*
> *As to the question of "impartiality", there are two aspects to this requirement. First, the tribunal must be subjectively free of personal prejudice or bias. Secondly, it must also be impartial from an objective viewpoint, that is, it must offer sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see the Pullar v. the United Kingdom judgment of 10 June 1996, Reports 1996-III, p. 792, para. 30).*
>
> "*The concepts of independence and objective impartiality are closely linked and the Court will consider them together as they relate to the present case.*"

"Fis-sentenza fl-ismijiet **Josric Mifsud vs Prim Ministru et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru, 2009 u precizament fuq il-materja ta' imparzjalita, il-Qorti Kostituzzjonali irreteniet:

> "*Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, u minkejja dak li jinghad fl-ittra tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-13 ta' Awissu 2007 (u cioe` li dak li l-appellant kien qed jigi mill-istess Kummissarju akkuzat bih kienu "reati [dixxiplinari] serji li jwasslu ghat-tkeccija tieghek mis-Servizz"11), il-Bord ta' Dixxiplina jistabilixxi biss il-fatti dwar dawk ir-reati dixxiplinari, u ma jista' jesprimi ebda rakkomandazzjoni dwar il-konsegwenzi li ghandhom isegwu ghall-fatti hekk minnu stabbiliti (ara il-paragrafu (3) tar-regolament 25 tal-A.L. 186/1999 – "Ir-rapport tal-Bord m'ghandux jinkludi fih rakkomandazzjoni dwar il-piena li tista' tigi imposta").*
>
> "*Huwa l-Kap tad-Dipartiment – f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija – li, wara li jircievi r-rapport tal-Bord dwar l-istharrig li l-istess Bord ikun ghamel, irid jappplika mohhu billi fid-dawl ta' dawk ir-rizultanzi issa jiddeciedi x'ghandha tkun il-konsegwenza. Hija dik id-decizjoni tal-Kummissarju – li minnha hemm dritt ta' appell lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku – u kemm-il darba dik id-decizjoni tkun avversa ghall-ufficjal in kwistjoni, li hija "direttament deciziva" ta' xi drittijiet jew obbligi civili li talvolta jista' jkun hemm fi tkeccija minn korp dixxiplinat bhalma huwa l-Korp tal-Pulizija. U dan apparti l-fatt li, kif irrilevat ukoll l-ewwel Qorti, hemm anke dritt ta'*

***appell mis-sejbien ta' fatt tal-Bord (ara r-regolament 30(1) tal-imsemmi A.L. 186/1999).***"

"**Ikkonsidrat:**

"Illi din il-Qorti wara li fliet ix-xhieda kollha prodotta b'mod specjali wara li ezaminat bir-reqqa x-xhieda rakkolta mill-Bord ta' Dixxiplina mahtur mill-Kummissarju tal-Pulizija, xhieda li giet indikata aktar 'il fuq f'din is-sentenza u l-proceduri quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, taghraf illi waqt illi jista' jinghad illi l-proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina tal-Pulizija jbaghti fl-apparenza ta' mparzjalita, fil-kaz in ezami **il-proceduri ta' revizjoni** quddiem Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku certament ma lledux id-dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrenti, ghal dak li jirrigwarda l-principju tal-gustizzja naturali - audi et alteram parte,

"Ir-rikorrenti kif ukoll l-avukat difensur taghha inghataw kull opportunita biex iressqu mhux biss il-provi taghhom, izda inghataw kopji u kellhom access ghall-kwalunkwe rapport jew prova li xtaqu. Jirrizulta di piu' illi fil-yellow file PD 28266121/1/06 (innumerat 169) tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, hemm inserita it-trattazzjoni dettolografikata tal-avukat difensur tar-rikorrenti li tikkonsisti fi 13-il pagna dwar il-punti legali minnu sollevati quddiem il-Bord ta' Dixxiplina.

"Illi di piu' meta wiehed jezamina s-seduti li sehhu quddiem il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, ebda gudikant ma jista jikkonkludi, kif ir-rikorrenti tipprova tipperswadi lil din il-Qorti, illi c-Chairman tal-Kummissjoni ried b'xi mod jizbarazza l-kaz bi speditezza mhux xierqa, u li kien jinteressah biss *"jekk fil-fatt ir-rikkorenti kienetx sifret minn Malta"* jew le – Vide nota ta' sottomissjonijiet dorso ta' fol 508.

"Ghal dak li jirrigwarda l-imparzjalita u indipendenza tal-Bord tad-Dixxiplina, din il-Qorti tifhem li ghalkemm certament mhux felici li l-membri tal- Bord tad-Dixxiplina jinvestigaw, jisimghu u jistabilixxu l-fatti meta huma, **fl-istess hin,** membri tal-Korp tal-Pulzija b'kontabilita' lil Kummissarju, taghraf illi forsi wasal iz-zmien illi tigi ntrodotta f'Malta procedura, kif hemm stabbiliti f'pajjizi ohra tal-Ewropa, fejn l-Pulizija li jinvestigaw l-istess Pulizija, **ikun squadra apparti**, b'kontabilita' lill-Ufficcjal Gholi li huwa appartat mill Korp tal-Pulizija jew li ikunu **membri tal-Pulzija irtirati** li jkollom certu esperjenza u li jgawdu l-fiducja tal-membri tal-Korp, sabiex ikun hemm aktar apparenza ta' indipendenza u imparzjalita'.

"Mifhum dana kollu pero, l-Qorti taghraf li taht is-sistema vigenti, membri tal-Pulzija nominati fuq il-Bord tad-Dixxiplina jiehdu gurament t'imparzjalita'u indipendenza quddiem l-Avukat Generali ghal dan l-inkarigu specifiku.

"Il-Qorti tifhem ukoll illi dawn l-ufficjali tal-Pulzija ghalkemm nominati mill-Kummissarju tal-Pulizija is-solitu ikunu mhux biss t'esperjenza imma wkoll t'integrita' u jgawdu l-fiducja tal-membri kollha tal-Korp. Wiehed ma jistghax ma josservax li jkun ezercizzju majopiku ghall-ahhar li membri tal-Bord tad-Dixxiplina jazzardaw li ma jaqdux l-inkarigu taghhom onestament u fedelement meta wiehed jirrealizza li investigatur jista' facilment isib ruhu investigat.

"Il-Qorti taghraf ukoll illi hija ghandha tezamina l-applikabilita' o meno tad-dritt tas-smiegh xieraq fejn si tratta ta' decizjoni tal-PSC.

"Minkejja li skond l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni ta'Malta, l-PSC mhux obbligat li taghti smiegh xieraq lill-ufficcjal fis-servizz pubbliku u li l-ezercizzju tal-funzjonijiet taghha mhumiex sindikabbli minn dawn il-Qrati, din il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza ricenti fil-kawzi **Cassar vs Chairman tas-Servizz Pubbliku** ; **Galea vs Chairman tas- Servizz Pubbliku** deciza 20 ta' Jannar 1995 Qorti Kostituzzjonali; **De Gaetano vs Awtorita' tal-Ippjanar** deciza fit-30 ta' Marzu 2005; **AJ Hili u Ta Miena Limited vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 t'Ottubru 2004; u **Gatt vs Prim Ministru et** deciza 6 ta' Settembru 2010, fejn gie stabbilit illi l-insindikabilita' tal-PSC **ma kienitx wahda assoluta**;li l-PSC hija fid-dover **issegwi ir-regoli tal-proceduri taghha**; li **tosserva l-principji tal-gustizzja naturali** u li ma **tagixxiex ultra vires l-poteri taghha**.

"Illi di piu' ricentement, il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-konfront ta' vertenzi li jinvolvu persuni fis-Servizz Civili u l-Istat ippronunzjat diversi sentenzi li jindikaw certu caqliq mill-principju li kien ferm stabbilit, li vertenzi in konnessjoni ma riklutagg, karrieri u terminazzjoni ta servizz ta' persuni fis-servizz civili, **kienu bhala regola jaqghu barra mill-iskop t'applikabilta' t'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.**

"Infatti:

> "***as noted above Pellegrin[1] expressly mention the police as a manifest example of activites belonging to the exercise to the public authority, this excluding a whole category of persons from the scope of Article 6***"

"Illi dan ir-ragunament kien ankrat fin-natura tal-funzjonijiet u responsabilitajiet inkorporati fil-Pulizija li huma meqjusa li ghandhom partecipazzjoni diretta fl-ezercizzju t'Awtorita' Pubblika u funzjonijiet immirati sabiex jissalvagwardjaw l-interessi generali tal-Istat. Vide **Veresova vs Slovakia** App. No. 70497/01 deciza fl-1 ta' Frar 2005.

"Illi jidher li l-Qorti Ewropea f'sensiela ta' decizjonijiet bdiet tidepartixxi minn dan l-istance rigidu u dana jidher fis-sentenza **Vilho Eskelinen**

[1] Pellegrin vs France App. No. 28541/95 para 66 ECHR 1999

**and others vs Finland** App. No. 63235/00 deciza 19 t'April 2007 li fih, wara studju tal-gurisprudenza taghha stess, il-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea rriteniet:

> "***62.To recapitulate, in order for the respondent State to be able to rely before the Court on the applicant's status as a civil servant in excluding the protection embodied in Article 6, two conditions must be fulfilled. Firstly, the State in its national law must have expressly excluded access to a court for the post or category of staff in question. Secondly, the exclusion must be justified on objective grounds in the State's interest. The mere fact that the applicant is in a sector or department which participates in the exercise of power conferred by public law is not in itself decisive. In order for the exclusion to be justified, it is not enough for the State to establish that the civil servant in question participates in the exercise of public power or that there exists, to use the words of the Court in Pellegrin, a "special bond of trust and loyalty" between the civil servant and the State, as employer. <u>It is also for the State to show that the subject matter of the dispute in issue is related to the exercise of State power or that it has called into question the special bond.</u> Thus, there can in principle be no justification for the exclusion from the guarantees of Article 6 of ordinary labour disputes, such as those relating to salaries, allowances or similar entitlements, on the basis of the special nature of relationship between the particular civil servant and the State in question. There will, in effect, be a presumption that Article 6 applies. It will be for the respondent Government to demonstrate, firstly, that a civil-servant applicant does not have a right of access to a court under national law and, secondly, that the exclusion of the rights under Article 6 for the civil servant is justified.***"(Enfasi ta' din il-Qorti)

"Illi l-kaz in ezami, juru b'mod mill-aktar car, illi **l-oggett tad-disputa** bejn il-kontendenti **filfatt huwa konness mal-ezercizzju tal-poteri tal-Istat** u li jitfa' in ballo ir-rabta specjali ta'fiducja u lealta' kif fuq indikat. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex ic-*charges* mahruga kontra r-rikorrenti, **stabbiliti minghajr ebda dubbju permezz ta' program televiziv,** kienu jirrigwardaw precizament nuqqas ta' talba ghall-awtorizzazzjoni ta' safar, affermazzjoni ta' xoghol ta' *private investigator* meqjus bhala inkompatibbli mad-doveri tal-Pulizija, nuqqas ta'talba ghal permess ta' xoghol privat, u affermazzjoni ta' ghemil ta' vigilantizzmu li ma jaghtix gieh lil Korp tal-Pulzija. Huwa kwasi superfluwu illi jinghad li l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni jeskludi s-sindikabilita' tal-funzjonijiet tal-PSC. Ghaldaqstant skond iz-zewg binari enuncjati fil-kawza tal-Qorti Ewropea **Vilho Eskelinen and others vs Finland** Ibid, il-kaz odjern huwa eskluz mill-protezzjoni t'Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

"Il-Kaz odjern huwa differenti ghall-ahhar minn dak ezaminat mill-Qorti Kostituzzjonali – **Grace Sacco vs Onor Prim Ministru et** deciz 17 ta' Settembru 2013 li kien jitratta rakomandazzjoni tal-PSC ghal tkeccija ta' *public servant* (*nurse*) 'l ghaliex kien hemm ksur ta' smiegh xieraq meta rapport li fuqu l-PSC hadet id-decizjoni finali ma giex muri lin-*nurse* in kwistjoni – vide paragrafu 35 tal-istess sentenza.

"Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti hi tal-fehma illi ma jirrizultax vjolazzjoni ta' Artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

"Din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-lanjanza tar-rikorrenti fis-sens li kienet saret diskriminazzjoni fil-konfront taghha. Ir-rikorrenti tfisser li minkejja ufficcjal tal-Pulizija ohra kissru regolamenti tal-Pulizija u l-ligi tal-pajjiz, fejn sahhansitra ufficcjali tal-Pulzija, waqt il-qadi ta' dmirijiet, sawwat lil turista Franciza, gie processat u misjub hati mill-Qrati ta' Malta, xorta baqa' fil-Korp tal-Pulizija.

"Il-Qorti wara li gharblet il-provi prodotti fil-kaz in ezami, taghraf illi sabiex tigi provata d-diskriminazzjoni, kien jehtieg li tingieb prova konkreta li xi ufficcjal tal-Pulizija, **f'cirkostanzi identici ghal dawk tar-rikorrenti,** gie trattatt b'mod differenti. Dawn il-provi ma tressqux u tirrezulta spjezazzjoni preciza ghall-kull ufficcjal indikat mir-rikorrenti, li allegatament gie moghti trattament differenti fix-xhieda tal-Ispettur Sandro Camilleri u Mario Spiteri (a fol. 364). Jirrizulta illi bosta mill-ufficcjali talbu permess sabiex jirrezenjaw (a fol. 477) waqt li ohrajn kellhom ir-rakomandazzjoni tal-parti civili jew tal-Qorti li jibqghu fl-inkarigu taghhom (a fol. 436), waqt li ohrajn gew *demoted* (a fol. 455).

"Apparti dan kollu, huwa principju stabbilit, li diskriminazzjoni ma tista' qatt tigi invokata sabiex tiggustifika agir li jikser il-ligi. Ghaldaqstant din il-Qorti lanqas ma tista' ssib lezjoni ta' dritt protett taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea marbut m'Artikolu 6.

"Il-Qorti sejra biex tezamina l-ilment tar-rikorrenti taht l-Artikolu 2(2) u 2(3) tal-Protocol numru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-inkompatibilita' tal-Artikolu 12(10) tar-Regolament tal-Public Service Commission u l-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

"***Artikolu 2 - Libertà ta' moviment***

***1.*** "***Kull min ikun b'mod leġittimu fil-limiti tat-territorju ta' xi Stat għandu, fil-limiti ta' dak it-territorju, ikollu d-dritt għal-libertà ta' moviment u l-libertà li jagħżel ir-residenza tiegħu.***

***2.*** "***Kulħadd ikun liberu li jitlaq minn xi pajjiż, inkluż dak tiegħu nnifsu.***

*3.* "***Ma għandhom jitqegħdu ebda restrizzjonijiet fuq leserċizzju ta' dawn id-drittijiet ħlief dawk li jkunu skont il-liġi u li jkunu meħtieġa f'soċjetà demokratika f 'kull interess tas-sigurtà nazzjonali jew tas-sigurezza pubblika, għaż-żamma tal-ordni pubbliku, għall-prevenzjoni ta' reati, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn***

*4.* "***Id-drittijiet stipulati fil-paragrafu 1 jistgħu jkunu wkoll suġġetti, f'arei partikolari, għal restrizzjonijiet imposti skont il-liġi u li jkunu ġustifikati bl-interess pubbliku f'soċjetà demokratika."***

"Illi skond il-*Police Act* Kapitolu 164 u r-Regolamenti tal-PSC , Membru tal-Pulzija huwa *public officer*. Di piu' skond Regolament 12(10) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina:

> "***Ufficcjal li jkun gie interdett ma jistax jitlaq minn Malta minghajr il-permess bil-miktub tal-Kap tas-Servizz Pubbliku, u dak l-ufficcjal interdett li jitlaq minn Malta minghajr dak il-permess ikun jista' jitkecca.***"

"L-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni ta'Malta li jipprotegi il-liberta tal-moviment tac-cittadini Maltin. Izda is-subinciz (3)(c) tal-istess Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jipprovdi car u tond illi :

> "***(3) Ebda haga li hemm fi jew maghmula skond l-awtorita' ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma jew bi ksur ta' dan l-artikolu sa fejn dik il-ligi taghmel provvediment***
>
> " ***– omisses***
>
> "***(c) ghall-impozizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-moviment jew residenza gewwa Malta t'ufficjali pubblici.***"

"**Ikkonsidrat:**

"Illi l-Qorti wara li rat u ezaminat l-provi kollha tal-kaz odjern tqis illi skond l-Artikolu 12(10) tar-Regolamenti ta' Procedura ta' Dixxiplina tas-Servizz Pubbliku, ufficcjal interdet ma huwiex mizmum milli jsiefer izda **jehtieg biss li jottieni permess** ghal dan minghand il-Kap tas-Servizz Pubbliku. Kif jidher mill-provi, meta talbet ghal dan il-permess, ir-rikorrenti inghatat l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tkun tista' ssiefer. **Nuqqas ta' talba ghal permess ma tista' qatt tigi ekwiperata ghal cahda ta' permess.**

"Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti hi tal-fehma illi ma jirrizultax vjolazzjoni ta' Artiklu 2(2) 2(3) tal-Protocoll Numru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea

jew inkompatibilta t'Artikolu 12(10) tar-Regolament tal-Public Service Commission ma Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni.

"Ghar-rigward ta' lment ta' lezjoni t'Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea

"***(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet u li jirċievi u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi.***

"***(2) L-eżerċizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'liġi u li jkunu meħtieġa f 'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, integrità territorjali jew sigurtà pubblika, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, għall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'sigriet, jew biex tiġi miżmuma l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.***"

"Fil-kaz odjern irid jinghad minghajr tlaqliq illi r-rikorrenti kienet giet sospiza mill-esekuzjoni tal-poteri esekuttivi bhala membru tal-Korp tal-Pulizija u kienet tipercepixxi nofs is-salarju taghha, meta ddecidiet li taghti diversi ntervisti fuq stazzjon televiziv **minghajr ma ottieniet permess biex taghmel dan**. Il-Qorti tqis illi l-fatt li r-rikorrenti **naqqset milli titlob permess esplicitu** tal-Kummissarju tal-Pulizija skond cirkulari GHQ/47/2002 mahruga mill-istess, ma jista b'ebda mod jitqies bhala sarima ghad-dritt tal-espressjoni. Il-kaz seta' kien differenti jekk din il-Qorti inghatat prova li permess ghall-intervista' dwar materji jew kwistjonijiet permessibbli u legittimi intalab izda gie michud mill-Kummissarju tal-Pulizija.

"Illi di piu l-artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea jipermetti restrizzjoni fuq il-liberta tal-espressjoni fl-interess tal-ordni pubbliku,*-" u li jkun mehtieg f'socjeta demokratika fl-interssi ta'... sigurta' pubblika biex jigi evitat id-dizordni ...."*

"Ghaldaqstant il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrizultax lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti tal-liberta' tal-espressjoni.

"Ghar-rigward tal-ahhar lment ta' indoli Kostituzzjonali tar-rikorrenti u cioe' dak ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-istess Artikolu jipprovdi li:

> “***Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.***”

> “Din il-Qorti, filwaqt illi tisimpatizza mad-diffikoltajiet kbar li rinfaccat ir-rikorrenti minhabba s-sitwazzjoni imwghera ta' sahha fizika ta' binha, taghraf illi fin-nuqqas ta' sejbien ta' lezjoni ta'drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tqisx li hemm xi rimedju li ghandu jinghata lill-istess rikorrenti.”

<u>L-Aggravji</u>

5. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti tissenjala li l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jinsabu adegwatament riportati fis-silta mis-sentenza tal-ewwel Qorti hawn fuq citata, u ghalhekk sejra tghaddi sabiex titratta, in sintesi l-aggravji tar-rikorrenti u r-risposti tal-intimati.

*L-aggravji tar-rikorrenti*

6. Permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrenti tissottometti illi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti dwar l-Artikolu 6 ihallu perplessita` meta, filwaqt li tghid li dwar il-Bord ta' Dixxiplina [il-Bord] li jkun mahtur mill-Kummissarju tal-Pulizija stess hemm bzonn li tinstab sistema ohra ghall-imparzjalita`, imbaghad tghid li l-membri maghzula huma imparzjali u indipendenti u jekk ma jaqdux xogholhom tajjeb minflok investigaturi jispiccaw investigati.

7. Tikkwota s-sentenzi **Findlay v. UK** u **Vilho Eskelinen v. Finland** u tghid li l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma semmiet kif il-Kummissarju kien impona fuq ic-Chairman tal-Kummissjoni li kellhom jaslu ghat-tkeccija tar-rikorrenti.

8. Permezz tat-tieni aggravju taghha r-rikorrenti tilmenta li dwar il-fattur tal-allegat diskriminazzjoni l-ewwel Qorti kienet xotta u mhux preciza, stante li hi kienet qed tilmenta minn trattament diskriminatorju fl-interpretazzjoni ta' xi jgib il-korp tal-pulizija *in disrepute*.

9. Permezz tat-tielet aggravju r-rikorrenti tghid li "Il-validita' tal-Artikolu 12(10) tar-regolamenti tal-PSC – Jezisti, imma mhux b'daqshekk kostituzzjonali u konformi mal-Konvenzjoni" [sic]. Tikkwota s-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg **Kerimli v. Azerbaijan** u tghid li dak li qieghed jigi attakkat bhala mhux validu huwa l-bzonn ta' permess, li jista' jinghata u jista' ma jinghatax. Tghid li ma kinitx biss kwistjoni li persuna trid tinforma imma tibqa' libera li issiefer, izda kellha titlob permess sabiex issiefer.

10. Fir-raba' aggravju taghha r-rikorrenti tissottometti illi d-drittijiet fundamentali ma humiex soggetti ghall-permess jew koncessjoni ta' hadd. Id-dritt fondamentali jerbah fuq il-ligi jew regolament jew cirkolari. Tghid li dak li messha ghamlet l-ewwel Qorti huwa li ezaminat jekk

ghall-interferenza mad-dritt ghall-liberta tal-espressjoni tar-rikorrenti kienx hemm xi wahda mill-eccezzjonijiet li tipprovdi l-Konvenzjoni. Tghid li hemm ukoll it-test ta' proporzjonalita`.

11. Ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissarju u l-Kummissjoni sabu htija ghas-semplici raguni li hi hadet sehem fi programm bla permess u xejn ma ntqal dwar il-kontenut. Tghid li *dato ma non concesso* li r-regolament fih innisfu ma jiksirx il-Konvenzjoni, wiehed irid jara l-applikazzjoni tieghu ghall-kaz partikolari. Tikkwota s-sentenza tal-Qorti Ewropea **Nilsen and Johnsen v. Norway** u **Guja v. Moldova [GC]** u tghid li "semplicement ic-cirkolari ma hijiex mehtiega f'socjeta` demokratika".

12. Dwar l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tghid li ma tinsistix fuq dan l-ilment kif propost izda titlob rimedju effettiv minhabba l-vjolazzjonijiet indikati.

13. Ghaldaqstant ir-rikorrenti appellata qed titlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fejn laqghet eccezzjonijiet tal-intimati u, minflok, tilqa' t-talbiet kollha taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati

*Ir-risposta tal-Kummissjoni*

14. Il-Kummissjoni fir-risposta taghha taghmel is-sottomissjonijiet segwenti relevanti ghal dan l-appell.

15. Ir-rikorrenti kellha l-opportunitajiet kollha illi taghmel is-sottomissjonijiet taghha u fl-ebda mod ma gie lez id-dritt taghha ghal smigh xieraq. Tghid ukoll li ma hemmx lezjoni ta' smigh xieraq fil-komposizzjoni tal-Bord stante li finalment ir-rakkomandazzjoni tinghata mill-Kummissjoni li certament hija imparzjali u indipendenti mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan kif konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Mifsud v. Prim Ministru et** (14/12/2009) u li l-allegazzjoni li l-Kummissjoni kienet giet influwenzata mill-Kummissarju fid-decizjoni taghha hija bla bazi. Din l-allegazzjoni hija bazata fuq interpretazzjoni skorretta tal-minuti tal-istess Kummissjoni.

16. Dwar il-fattur tad-diskriminazzjoni u r-regolament 12(10) tar-Regolamenti, tghid illi mill-provi ma irrizultax li kien hemm xi hadd li kien f'sitwazzjoni simili ghal dik tar-rikorrenti u ma ttiehdux proceduri kontrih. Fi kwalunkwe kaz il-kazijiet sollevati mir-rikorrenti gew analizzati partikolarment mis-Supretendent Mario Spiteri li fix-xhieda tieghu spjega c-cirkostanzi ta' kull kaz u ghalfejn dawn kienu gew konsidrati b'mod differenti minn dak tar-rikorrenti.

17. Dwar id-dritt ta' moviment tghid li huwa mehtieg li l-Kummissarju u l-organi tal-iStat ikunu konsapevoli ta' fejn jinsabu persuni f'sitwazzjoni bhal ma kienet fiha r-rikorrenti, u r-regolament imsemmi ma jzommx lil ufficcjal interdett milli jsiefer izda jezigi biss li dan jikseb permess mill-Kap tas-Servizz Pubbliku.

18. Dwar il-liberta` tal-espressjoni l-Kummissjoni tissottometti illi huwa car li persuna, minhabba n-natura ta' xogholha kif kien tar-rikorrenti, tkun prekluza milli tinvolvi ruhha f'certu sitwazzjonijiet li jistghu jitfghu dell ikrah fuq il-korp jew jistghu jaghtu l-impressjoni li dak l-individwu mhuwiex imparzjali sal-grad mehtieg mill-ufficju tieghu. Din ir-restrizzjoni tezisti f'diversi professjonijiet, bhal per ezempju is-sitwazzjoni ta' avukat li huwa marbut bis-sigriet professjonali.

19. Ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-Kummissjoni qed titlob li din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

*Ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Prim' Ministru*

20. Dawn ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet relevanti ghal dan l-appell.

21. Ir-rikorrenti qed tipprova tpingi sitwazzjoni ferm differenti minn kif zvolgew il-fatti fir-realta` u sahansitra qed tittanta tiskredita l-operat tal-ufficjali koncernati kemm min-naha tal-Kummissarju kif ukoll kif tmexxew il-proceduri quddiem il-Kummissjoni u dan sabiex tittanta tpingi sitwazzjoni fejn hija tidher li hi l-vittma tac-cirkostanzi.

22. Dwar il-fattur ta' smigh xieraq jissottomettu fost affarijiet ohra illi r-rikorrenti kienet inghatat kull opportunita` li tiddefendi l-posizzjoni taghha, u li t-tkeccija ta' membru tal-Korp tal-Pulizija ma tqanqal ebda kwistjoni li abbazi taghha jista' jigi invokat l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li tali tkeccija la tikkostitwixxi d-determinazzjoni ta' drittijiet ta' natura civili u lanqas determinazzjoni ta' akkuza kriminali.

23. Jirreferu ghall-kaz **Eskelinen and Others v. Finland** (Ref. 63235/00) [19.04.2007], fejn il-Qorti ipprovdiet li kwistjonijiet li jirrizultaw mill-impjieg jew mit-tkeccija ta' ufficcjali pubblici li jgawdu minn legami specjali ta' fiducja u lealta` mill-Istat ma jaqawx fl-ambitu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea [para 47-48]. Fi kwalunkwe kaz allegazzjoni li l-appellanti ma nghatatx smigh xieraq waqt il-proceduri dixxiplinari hija gratwita li ma issib l-ebda riskontru jew accenn ta' prova fl-atti processwali in kwistjoni.

24. Rigward l-allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ imparzjalita` fil-process tat-tkeccija taghha mill-korp, jghidu li din hija wkoll insostenibbli stante li ma ingabet ebda prova konkreta f’dan ir-rigward. Jirreferu ghas-sentenza fl-ismijiet **Josric Mifsud v. Prim Ministru et** [14.12.2009] u jghidu li ghandu jirrizulta lil din il-Qorti li, fil-kors tal-proceduri dixxiplinari, r-rikorrenti ma gietx pregudikata bl-ebda mod fl-istrategija tad-difiza taghha fil-kors tal-proceduri dixxiplinari.

25. Dwar id-diskriminazzjoni li allegatament sofriet ir-rikorrenti jirribattu li minn jallega diskriminazzjoni irid jipprova li persuni f’cirkostanzi identici ma gewx trattati bl-istess mod. Jghidu li ma tirrizulta l-ebda prova konkreta li xi persuni li kienu f’cirkostanzi identici ghall-appellata gew trattati b’xi mod differenti. Jirreferu ghax-xhieda tal-Ispettur Sandro Camilleri u ghax-xhieda tal-Assistent Kummissarju Mario Spiteri li t-tnejn taw spjegazzjoni cara ghar-rigward ta’ kull persuna li r-rikorrent indikat bhala li gew trattati b’mod differenti.

26. Jirrizulta wkoll mis-*Service Record* taghha, li hija kienet instabet hatja diversi drabi ta’ disubbidjenza; nuqqas ta’ esekuzzjoni ta’ ordnijiet legittimi moghtija bil-miktub minghand superjuri taghha; agir b’mod dizordinat u bi pregudizzju ghad-dixxiplina u anke ghar-reputazzjoni tas-servizz tal-Pulizija. Jghidu wkoll li hu principju stabbilit li d-

diskriminazzjoni, fi kwalunkwe kaz, qatt ma tista' tigi invokata sabiex tiggustifika agir li jikser il-ligi.

27. Ir-rikorrenti qed tittanta taghti kwadru inkorrett u zvijanti tal-fatti minn kif sehhew fir-realta`. Fil-fatt, mhux minnu li d-decizjoni tat-tkeccija kienet wahda unilaterali tal-Kummissarju. Kemm il-Bord kif ukoll il-Kummissjoni li ta r-rakkomandazzjoni tieghu lill-Prim Ministru kienu gew mahtura skont il-ligi. Jghidu wkoll li l-fatt wahdu li r-regolament 12(1) jipprovdi ghall-eventwalita` ta' tkeccija ta' ufficjal pubbliku fl-eventwalita` li tali ufficjal ikun naqas u jkun instab hati ta' offizi serji, huwa assolutament regolari u ma jilledi ebda dritt fundamentali tar-rikorrenti.

28. Dwar l-allegat nuqqas ta' dritt ta' espressjoni, jirribattu li lanqas dan l-aggravju ma jregi, peress li l-Istat jista' fl-interess tal-funzjonament xieraq tas-servizz pubbliku u tal-ordni pubbliku jesigi obbligu ta' diskrezjoni mill-impjegati pubblici dwar il-mod ta' kif huma jesprimu ruhhom fil-pubbliku. Jirrizulta li f'dak il-perjodu r-rikorrenti kienet biss sospiza mill-esekuzzjoni tal-poteri esekuttivi bhala membru tal-Korp tal-Pulizija u kienet effettivament qed tircievi nofs is-salarju taghha bhala tali u ghalhekk anke f'dak iz-zmien hija kien ghad kellha rabta ta' impieg mal-Korp tal-Pulizija, bl-obbligi li dan l-impieg igib mieghu, ghajr ghall-effetti tas-sospensjoni.

29. Jghidu li c-cirkolari kontestata certament hija ragjonevoli fil-kuntest li l-Pulizija huma ufficjali pubblici li ghandhom diversi doveri li jolqtu l-interess pubbliku u li dak li jghidu lill-media generalment jiftiehem bhala li jikkomprometti lill-Korp. Inoltre, il-fatt li r-rikorrenti kienet tat intervista fuq programm televiz fejn kienet qed tippromwovi lilha innifsiha bhala gwardjan privat meta (i) ma kellhiex il-licenzja rikjesta mill-ligi biex tahdem bhali tali, u (ii) meta r-regolamenti tal-Pulizija jimpeduha milli taghmel dan, certament ma jistax jinghad li huma f'materja li m'ghandux x'jaqsam mal-Korp. Jirrilevaw li l-Kummissarju ghandu d-dritt ai termini tal-Kap 164 li johrog regolamenti ghat-tmexxija tajba u idoneja tal-Korp tal-Pulizija.

30. Jissotomettu wkoll li l-lanjanzi tar-rikorrenti f'dan ir-rigward lanqas ma huma sostenibbli, peress li l-istess Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jistipula li l-ligi tippermetti restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-liberta` tal-espressjoni fl-interess tal-ordni pubbliku u sabiex tigi evitata d-dizordni jew l-eghmil ta' delitti. Ghalhekk lanqas ma hu korrett li l-appellanti tippretendi li kellha xi dritt ghall-liberta` tal-espressjoni assolut f'dak il-perijodu li kienet sospiza b'nofs paga stante li hija kienet ghadha meqjusa bhala ufficcjal pubbliku sal-gurnata sakemm tkecciet definitivament.

31. Rigward l-aggravju tal-appellanti fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 2(2) u 2(3) tal-Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-inkompatibilita` tal-Artikolu 12(10) tar-Regolamenti mal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni, ma jreggix peress li l-htiega ta' permess biex ufficcjal li jkun gie interdett izda jkun ghadu fl-impieg jitlaq minn Malta hija wahda mill-kondizzjonijiet tal-impieg li l-impjegat pubbliku jissottometti ghaliha volontarjament meta jassumi l-impieg tieghu.

32. Ghalhekk, l-imsemmi regolament 12(10) huwa ghal kollox kompatibbli mal-Artikolu 2(2) u 2(3) tal-Protokoll 4 tal-Konvenzjoni Ewropea u mal-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni stante li dawn jistipulaw b'mod car li l-interess pubbliku u l-prevenzjoni ta' reati huma eccezzjonijiet gustifikati u ragjonevoli f'socjeta` demokratika ghar-restrizzjonijiet fuq il-liberta` tal-moviment. L-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni jistipula li fil-kaz tal-eccezzjonijiet tal-ordni pubbliku, fost affarijiet ohra, il-ligi taghmilha cara li f'dawn ic-cirkostanzi l-ebda haga li hi maghmula skont l-awtorita` ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tal-istess artikolu, diment li l-provvediment in kwistjoni jkunu gustifikabbli ragonevolment f'socjeta` demokratika.

33. Jghidu wkoll li d-decizjonijiet tal-Qorti Ewropea li saret referenza ghalihom fir-rikors tal-appell ma japplikawx ghac-cirkostanzi odjerni stante li jirreferu ghal cirkostanzi ben diversi u ghalhekk ebda analogija

ma tista issir mal-istess decizjonijiet a bazi tal-fatt uniku li l-persuni koncernati kienu membri tal-korp tal-Pulizija.

34. Inoltre, *dato ma non concesso* li din il-Qorti issib li effettivament kien hemm xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellanti kif sanciti fl-imsemmija artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun fiha nfisha rimedju gust u effettiv bizzejjed ghall-appellanti u in materia jirreferu ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Dr Noel Arrigo et**[2] [QK 29.10.2003];

35. Ghaldaqstant, qed jitolbu li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

36. Dwar l-ewwel aggravju, huwa opportun li fl-ewwel lok jigi stabbilit liema huma dawk l-entitajiet li jaqghu l-iskop tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn jinsabu migbura u elenkati fil-ktieb **Practical Guide to Article 6 – Civil Limb**[3] fejn jinghad:

> "71. An authority not classified as one of the courts of a State may nonetheless, for the purposes of Article 6 § 1, come within the concept of a "tribunal" in the substantive sense of the term (Sramek v. Austria, § 36).

[2] Q.Kos. deciza 29 Ottubru 2003
[3] Council of Europe / European Court of Human Rights, 2013, pg 18 et seq

> “72. A court or tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner (Sramek v. Austria, § 36; Cyprus v. Turkey [GC], § 233).
>
> “73. A power of decision is inherent in the very notion of “tribunal”. The proceedings must provide the “determination by a tribunal of the matters in dispute” which is required by Article 6 § 1 (Benthem v. the Netherlands, § 40).
>
> “74. The power simply to issue advisory opinions without binding force is therefore not sufficient, even if those opinions are followed in the great majority of cases (ibid.).
>
> “75. For the purposes of Article 6 § 1 a “tribunal” need not be a court of law integrated within the standard judicial machinery of the country concerned. It may be set up to deal with a specific subject matter which can be appropriately administered outside the ordinary court system. What is important to ensure compliance with Article 6 § 1 are the guarantees, both substantive and procedural, which are in place (Rolf Gustafson v. Sweden, § 45).
>
> “76. Hence, a “tribunal” may comprise a body set up to determine a limited number of specific issues, provided always that it offers the appropriate guarantees (Lithgow and Others v. the United Kingdom, § 201 – in the context of an arbitration tribunal).”

37. Ir-rikorrenti isejjes dan l-aggravju fuq zewg binarji: in-nuqqas ta’ imparzjalita` tal-Bord, kif ukoll l-allegata intromissjoni abuziva da parti tal-Kummissarju li ghamel pressjoni fuq ic-Chairman tal-Kummissjoni sabiex dan jasal ghat-tkeccija taghha mill-korp.

38. Dwar is-sottomissjoni ta’ nuqqas ta’ imparzjalita` tal-Bord din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat fil-kawza **Josric Mifsud v. Il-Prim Ministru**[4]:

[4] Q.Kos. 22/2008, deciza 14 ta’ Dicembru 2009

> "Din il-Qorti hija ta' din il-fehma ghax tikkondividi pienament l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-Bord ta' Dixxipina, imwaqqaf skont l-A.L. 186/1999, fir-realta' m' ghandux il-funzjoni li jiddetermina jekk l-appellant ghandux jibqa' jew le fis-servizz tal-Korp tal-Pulizija, izda ghandu rwol purament investigattiv. Fi kliem iehor, apparti l-kwistjoni ta' jekk l-ingagg fi jew tkeccija minn, il-Korp tal-Pulizija jaghtux lok ghal xi kwistjoni dwar drittijiet u obbligi civili fid-dawl tal-gurisprudenza, anke dik recenti hafna, tal-Qorti Ewropeja …. fil-kaz in dizamina il-punt li gie determinat mill-Prim'Awla kien …….jekk il-konkluzjoni tal-Bord setghetx titqies bhala "direttament deciziva" ta' tali drittijiet jew obbligi………. Huwa l-Kap tad-Dipartiment – f' dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija – li, wara li jircievi r-rapport tal-Bord dwar l-istharrig li l-istess Bord ikun ghamel, irid japplika mohhu billi fid-dawl ta' dawk ir-rizultanzi issa jiddecidi x' ghandha tkun il-konsegwenza… 'Civil rights or obligations must be the object or one of the objects of the dispute and the result of the proceedingsmustbe directly decisive for such a right [Karen Reid]'"

39. Fid-dawl tal-premess dan l-ilment huwa fil-kaz odjern inammissibbli stante illi l-funzjoni tal-Bord huwa limitat li *"jistabbilixxi l-fatti u jibghat il-konkluzjonijiet tieghu lill-Kap tad-Dipartiment u lill-ufficjal akkuzat*[5]*".* Apparti l-fatt li jezisti anke dritt ta' appell mis-sejbien ta' fatt tal-Bord skont ir-Regolament 30(1) tal-Avviz Legali 186/1999, l-istess Bord ma jistax jitqies bhala 'tribunal' fis-sens li jrid l-Artikolu 6 ghax ma jaghtix decizjoni li tkun "directly decisive" u r-rapport tieghu ma jkunx wiehed finali.

40. Rigward il-kaz ta' **Findlay v. UK**, citat mir-rikorrenti in sostenn tal-aggravju taghha, din il-Qorti tosserva li dak il-kaz huwa inapplikabbli ghall-kaz odjern stante li kien jitratta dwar Qorti marzjali li l-applikant kien qed jikkontesta l-konformita` tieghu mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni,

---

[5] Regolament 22(1) tal-Avviz Legali 186/1999

filwaqt li, kif fuq spjegat, il-Bord m'ghandux il-funzjoni ta' Qorti jew tribunal fis-sens tal-imsemmi artikolu.

41. Ghaldaqstant din l-ewwel parti tal-aggravju hija infondata fil-dritt u fil-fatt.

42. Dwar il-procedura quddiem il-Kummissjoni u senjatament dwar l-allegazzjoni da parti tar-rikorrenti ta' pressjoni maghmula mill-Kummissarju fuq il-Kummissjoni, ir-rikorrenti, ghalkemm tghid li dan jirrizulta minn "minuti u korrispondenza", ma tispecifikax liema huma d-dokumenti li fuqhom qed issejjes din il-parti tal-aggravju taghha.

43. Din il-Qorti tosserva li jidher li r-rikorrenti qed tibbaza din il-parti tal-kontestazzjoni taghha fuq il-kopja tal-minuta ipprezentata a fol 510 tal-process. Il-Qorti tinnota li l-fatti huma pjuttost differenti minn kif tirrelatahom r-rikorrenti. Fil-fatt din l-allegazzjoni ma tirrizultax fondata. Jirrizulta li fis-seduta li ghaliha tirreferi dik il-minuta, dak li kienet qeghdha tiddiskuti l-Kummissjoni kienet x'tip ta' procedura jew ahjar *course of action*, kellha tittiehed in segwitu ghall-komportament tar-rikorrenti. Ic-Chairman tal-istess laqgha irrefera dak li kien intqal lilu mill-OPM u dak li qallu l-Kummissarju in segwitu ghall-proposta alternattiva tieghu li r-rikorrenti tkun *'retired in the public interest'*. Il-Kummissarju ikkonferma l-konvinzjoni tieghu li persuni li jgibu ruhhom

bhar-rikorrenti ma ghandhomx jiffurmaw parti mill-korp tal-Pulizija. Sussegwentement il-Kummissjoni kienet ikkonsultat mal-avukat taghha li spjega li membru tal-Korp li jkun mar kontra r-Regolamenti jkun jista' jigi mkecci wara li jkunu ittiehdu kontrih il-proceduri abbazi tar-regolament 20, u ghalhekk it-tkeccija ma ssehhx awtomatikament malli wiehed imur kontra r-Regolament.

44. L-istess minuta[6] tipprovdi illi *"after due deliberation"* il-Kummissjoni ddecidiet li l-procedura gusta f'kaz li membru interdett ihalli l-pajjiz minghajr permess, kienet li l-Kummissarju johrog akkuza kontrih, f'dan il-kaz kontra r-rikorrenti, liema proceduri setghu iwasslu ghat-tkeccija taghha. Kien ghalhekk li gie deciz li l-*Principal Permanent Secretary* kellu jigi nfurmat b'din id-decizjoni sabiex imbaghad ikun jista' jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-fatt kien ftit granet wara illi l-Kummissarju hareg l-akkuza kontra r-rikorrenti, u minn hemm bdew il-proceduri dixxiplinari fil-konfront taghha.

45. Fl-isfond ta' dawn il-fatti, din il-Qorti ma tirravizax nuqqas ta' imparzjalita` jew indipendenza da parti tal-Kummissjoni, u lanqas ma ssib analogija ma' dak sottomess mir-rikorrenti illi dan kien jammonta *"Daqs kieku imhallef meta jigi biex jaghti piena, ikellem wahdu lill-prosekutur li jghidlu x'piena ghandu jaghti"* galadarba ma kien hemm involuta l-ebda piena u l-proceduri dixxiplinari kienu ghadhom lanqas

[6] Fol 510

bdew. Din kienet semplicement konsulta dwar kwistjonijiet procedurali fil-kuntest ta' dixxiplina. Ma jirrizultax ghalhekk minnu dak sottomess mir-rikorrenti illi l-Kummissarju kien qed jimponi fuq ic-Chairman Kummissjoni d-decizjoni li kellhom jaslu ghat-tkeccija.

46. Inoltre, dwar l-applikabilita` o meno tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni relatata mal-funzjonijiet li johrgu mill-impieg tar-rikorrenti bhala membru tal-korp tal-pulizija, din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Grace Sacco v. Onorevoli Prim Ministru; Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku; Direttur Customer Services fil-Ministeru ghal Ghawdex***,* moghtija fis-17 ta' Settembru 2013, fejn il-Qorti osservat hekk:

> "….fil-kaz imsemmi ta' *Pellegrin v. France*, il-Qorti esprimiet il-fehma li s-sitwazzjoni gurisprudenzjali precedenti kienet wahda li tohloq incertezza u kienet tal-fehma li kriterju li jallaccja man-natura tad-doveri ezercitati mill-ufficjal pubbliku koncernat kien wiehed li jippresta ruhu ghal aktar certezza u ghalhekk illimitat l-eskluzjoni tal-applikabilita` tal-Artikolu 6(1) ghal dawk il-karigi fis-servizz civili li kienu jikkomportaw l-ezercizzju ta' doveri li kienu tipici tal-attivitajiet specifici tas-servizz pubbliku inkwantu depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat jew ta' awtoritajiet pubblici ohra u inkwantu tali jezercitaw parti mis-setgha sovrana tal-iStat. F'dawn ic-cirkostanzi l-iStat ghandu interess legittimu li jesigi minn dawn l-impjegati pubblici rabta specjali ta' fiducja u lealta` waqt li fil-kaz ta' impiegi pubblici ohra, fejn ma jezistix dan l-aspett ta' "amministrazzjoni pubblika", tali interess jigi nieqes.[7] Ghalhekk, dak li tqis determinanti ma kienx in-natura tal-kontestazzjoni izda n-natura tal-pozizzjoni okkupata mill-individwu involut fil-kontestazzjoni.[8]

[7]ECHR Pellegrin v. France, 8/12/1999. #65
[8]Vilha Eskelinen, supra, #54

> "12. Aktar ricenti, fis-sentenza *Eskelinen and others v. Finland*[9] l-applikabilita` tal-Artikolu 6(1) giet ulterjorment estiz billi gie ritenut li l-fatt biss li l-applikant ikun qieghed f'settur jew dipartiment li jippartecipa fl-ezercizzju tas-setgha vestita bid-dritt pubbliku ma kienx wahdu deciziv tal-kwistjoni tal-applikabilita` tal-Artikolu 6(1); spetta wkoll lill-iStat li juri li l-materja in kontestazzjoni hija relatata mal-ezercizzju tas-setgha tal-iStat jew tkun tincidi fuq ir-rabta specjali ta' fiducja u lealta`."

47. B'differenza mal-kaz fuq citat li kien jirrigwardja impieg ta' *nurse*, il-kaz odjern jitratta dwar membru tal-korp tal-pulizija, li manifestament jokkupa karika ta' ufficcjal pubbliku u konsegwentment ghall-hatra tieghu huwa meqjus bhala depozitarju tal-awtorita` pubblika responsabbli ghall-harsien tal-interessi generali tal-iStat. Din l-awtorita' tohrog mir-rabta specjali ta' fiducja u ta' lealta` li iggib maghha tali kariga. Ghalhekk anke ghal din ir-raguni, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni huwa inapplikabbli ghal kaz tar-rikorrenti.

48. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tar-rikorrenti huwa ghalhekk infondat u qed jigi respint.

*It-tieni aggravju*

49. Fit-tieni aggravju taghha, ir-rikorrenti tilmenta li hi garrbet trattament diskriminatorju fl-interpretazzjoni ta' xi jgib lill-korp *in disrepute*.

[9] Vide supra

50. Il-principji li jirregolaw dan id-dritt fundamentali jinsabu enuncjat b' mod konciz mill-awtur *Philip Leach* fil-ktieb **Taking a Case to the European Court of Human Rights**[10] b'referenza ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Dan jghid:

> "A person is considered to have suffered discrimination if: 1) they have been treated differently from people in a similar situation (on a prohibited ground); and 2) there is no reasonable and objective justification for the difference in treatment.[11]
>
> "The applicant must therefore establish that there has been less favourable treatment and that its basis was a prohibited ground of discrimination. However there will be no violation of Article 14 if the difference in treatment related to people who were not in 'analogous situations' – the comparator groups therefore need not be identical, but do need to be in 'relevant similar situation.'
>
> "….omissis...
>
> "If an applicant establishes that there has has been differential treatment in an analogous situation then the state must prove that the difference in treatment had a 'reasonable and objective justification.' The test that the Court applies is twofold: that the difference in treatment pursued a legitimate aim; and that it was proportionate to that aim."

51. Fil-kaz in ezami l-kazijiet indikati mir-rikorrenti dwar il-mod ta' kif gew trattati membri ohra tal-korp li kienu soggetti ghall-proceduri ta' dixxiplina ma jistghu jkunu ta' ebda konfort ghar-rikorrenti stante li l-kazijiet indikati ma jistghux jitqiesu *'relevantly similar'* in kwantu jitrattaw kontravvenzjonijiet, reati u istanzi ta' dixxiplina totalment differenti minn dawk tar-rikorrenti, bi gravita` differenti, b'pieni differenti u

[10] Oxford University Press, 2011
[11] See e.g. Belgian Linguistic Case Series A, No 6, 23.7.68

b'konsegwenzi differenti fuq l-isem, ir-reputazzjoni u l-fiducja pubblika li jgawdi l-korp tal-pulizija.

52. Kif indikat ukoll mill-ewwel Qorti, mix-xhieda tal-Ispettur Sandro Camilleri[12], kif ukoll tas-Supretendent Mario Spiteri[13] inghatat spjegazzjoni preciza tal-passi mehuda kontra l-membri tal-korp indikati mir-rikorrenti, jirrizulta wkoll li bosta minn dawn kienu talbu permess sabiex jirrizenjaw mill-korp, waqt li f'wiehed minnhom il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghal "ghoxrin sena servizz impekkabbli lil pajjizu" li kien ta dak il-membru[14] u r-rakkomandazzjonijiet pozittivi dwaru da parti tas-superjuri tieghu u dan apparti mill-fatt li dan tieghu kien kaz izolat;  ohrajn kienu gew demoted.

53. Mill-banda l-ohra fil-kaz tar-rikorrenti, kif spjegaw l-ufficjali fuq imsemmija, din kellha lista twila ta' passi dixxiplinari ohrajn li ittiehdu fil-konfront taghha in segwitu ghal infrazzjonijiet minnha kommessi.[15] Ghalhekk difficilment jistgha' jinghad li r-rikorrenti kienet f'sitwazzjoni analoga ma' dik tal-membri tal-korp indikati minnha.

54. Fi kwalunkwe kaz il-Qorti tfakkar li sabiex ikun hemm diskriminazzjoni in vjolazzjoni tal-artikoli citati tal-Kostituzzjoni u tal-

[12]Fol 355 et seq
[13]Fol 364 et seq
[14]Fol.448
[15]Vide Dok MSX5 a fol 407-409

Konvenzjoni jrid jirrizulta li d-differenza ta' trattament, jekk pruvata, tkun dovuta ghal xi status personali ta' min jallega d-diskriminazzjoni mentri ma giex pruvat, u anzi anqas biss gie allegat, li d-differenza ta' trattament kienet motivata minn xi tali status personali (u hawn niccitaw is-sentenzi relevanti).[16]

55. Inoltre, kif tajjeb sottomess mill-konvenuti, id-diskriminazzjoni ma tistax tigi invokata sabiex tiggustifika agir li jikser il-ligi.

56. Ghaldaqstant dan it-tieni aggravju tar-rikorrenti huwa wkoll ingustifikat u qed jigi respint.

*It-tielet aggravju*

57. Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrenti tilmenta dwar ksur tal-Artikoli 2(2) u 2(3) tal-Protokoll numru 4 tal-Konvenzjoni u l-inkompatibilita` tal-Artikolu 12(10) tar-Regolament ma' dan l-artikolu "u l-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni" [sic][17].

58. Ir-rikorrenti tfisser hekk dan l-aggravju:

---

[16] Ara Kaz **Kjeldsen, Busk Madsen u Pedersen v. Denmark**, ECHR 6 Dicembru 1976 § 56, Kaz **Carson u Ohrajn v. UK** § 61, ECHR Grand Chamber, 16 Marzu 2010; Qorti Kostituzzjonali **Enrietta Bianchi et v. Avukat Generali et**, 24 ta' Gunju 2011; Qorti Kostituzzjonali **Edmond Espedito Mugliett v. Avukat Generali** 28 Settembru 2012)

[17] Rikors promotur

> "Jibda biex jinghad li l-eskluzjoni fl-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni huwa dwar caqlieq f' Malta u mhux barra minn Malta. U Malta hija defenita fil-Kostituzzjoni. Mela dik l-eccezzjoni ma tapplikax.
>
> "Issa Grace Gatt meta siefret dejjem hadet il-permess tal-Qorti fejn kien hemm rapprezentat il-Kummissarju u tal-Pulizija bhala prosekuzzjoni. Imma biex isibu x-xaghra fl-ghagina, la riedu jaqbdu maghha, zeffnu r-regolament tal-PSC. U hawn fejn kienet qed tattakka l-esponenti l-validita' tal-artikolu 12 [10] tar-regolamenti tal-PSC. Jezisti , imma mhux b' daqshekk kostituzzjonali u konformi mal-Konvenzjoni."

59. Ir-rikorrent tkompli billi ticcita estensivament mid-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz **Kerimili v. Azerbajan**[18].

60. Skont ir-regolament 12 [10] kif kien vigenti fil-perjodu relevanti ufficjal interdett ma setghax jitlaq minn Malta minghajr il-permess bil-miktub tal-Kap. tas-Servizz Pubbliku u, jekk jitlaq minn Malta minghajr dak il-permess, ikun jista' jitkecca.[19]

61. L-Artikoli 2 [2] u 2[3] tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> "2. Kulhadd ikun liberu jitlaq minn xi pajjiz, inkluz dak tieghu nnifsu.
>
> "3. Ma ghandhom jitqieghdu ebda restrizzjonijiet fuq l-esercizzju ta' dawn id-drittijiet hlief dawk li jkunu skont il-ligi u li jkunu mehtiega f' socjeta' demokratika f'kull interess tas-sigurta' nazzjonali jew tas-sigurezz pubblika, ghaz-zamma ta' l-ordni jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' l-ohrajn."

62. L-Artikolu 44 (1) tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> "(1) Ebda ċittadin ta' Malta ma għandu jiġi pprivat mill-libertà tiegħu ta' moviment, u għall-fini ta' dan l-artikolu din il-libertà

[18] Deciz 16 ta'Lulju 2015
[19] AL.186/1999, qabel ma gie emdnat permezz ta' AL.247/2012

tfisser id-dritt ta' moviment liberu ġewwa Malta, id-dritt li jirrisjedi f'kull parti ta' Malta, id-dritt li joħroġ minn Malta u d-dritt li jidħol Malta."

63. L-istess Artikolu tal-Kostituzzjoni fis-subinciz (3) (a) jipprovdi illi:

"(3) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment -

"(a) għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet li jkunu raġonevolment meħtieġa fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, jew saħħa pubblika u ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu hija murija li **ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika.**" [enfasi ta' din il-Qorti]

64. Din il-Qorti hija tal-fehma illi r-regolament kontestat huwa perfettament kompatibbli mal-artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni li issir referenza ghalihom. Ir-restrizzjoni imposta fuq ufficjal li jkun gie sospiz temporanjament minhabba procedimenti kriminali kontrih hija mhux biss konsistenti, izda, hija necessarja fl-interess tal-ordni pubbliku u gustifikabbli ragjonevolment f'socjeta` demokratika.

65. Din ir-restrizzjoni kontemplata fir-regolament fuq citat tidhol fid-definizzjoni ta' restrizzjoni legittima kif meqjusa mill-Qorti Ewropea fejn fis-sentenza ikkwotata mir-rikorrenti **Kerimli v. Azerbaijan**[20] osservat li:

[20] 16/07/2015

> 'Any measure restricting that right must be lawful, pursue one of the legitimate aims referred to in the third paragraph of the above-mentioned Convention provision and strike a fair balance between the public interest and the individual's rights *[see Baumann v France, no 44592/96 para.61 … and Riener v Bulgaria, no. 46343/99 para.109, 23 May 2006]* '[21]

66. Ma jirrizultax li hemm nuqqas ta' proporzjonalita` bejn l-interess pubbliku u d-drittijiet tar-rikorrenti, in kwantu kull ma intalab minnha kien li titlob permess sabiex thalli l-pajjiz in kwantu interdetta. Dan huwa perfettament kompatibbli mal-obbligi ta' membri tas-servizz pubbliku pendenti l-ezitu ta' proceduri dixxiplinari jew kriminali kontrihom. Ma hemm xejn fir-regolament 12(10) li jmur kontra l-liberta` ta' moviment tal-persuna in kwistjoni. Huwa obbligu impost principalment ghaz-zamma tal-ordni pubbliku u kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti dan ma kienx kaz ta' cahda ta' permess izda nuqqas tar-rikorrenti li titlob permess mill-Kap tas-Servizz Pubbliku [li diga` kien inghata f'okkazzjonijiet precedenti] kif obbligata taghmel skont il-ligi. Dan jinsab fortifikat bil-konsiderazzjoni li, minkejja s-sospensjoni taghha, ir-rikorrenti kienet ghadha membru tal-Korp tal-Pulizija u ghalhekk kienet ghadha marbuta mal-kondizzjonijiet naxxenti mir-rabta tal-impieg taghha li hi kienet dahlet fiha volontarjament.

67. In kwantu ghall-Artikolu 44 tal-Kostituzzjoni din il-Qorti tosserva li, kuntrarjament ghal dak sottomess mir-rikorrenti, dan huwa applikabbli

[21] Para 45

ghall-kaz odjern stante li l-istess artikolu fl-ewwel subinciz jinkludi d-dritt ta' cittadin Malti li joħroġ minn Malta, u ghalhekk l-eccezzjoni fuq citata tghodd ghall-kaz tar-rikorrenti.

68. Ghaldaqstant dan It-tielet aggravju huwa manifestament infondat u qed jitqies bhala wiehed fieragh.

69. Permezz tar-raba' aggravju taghha r-rikorrenti tilmenta minn lezjoni tad-dritt taghha ghal liberta` tal-espressjoni, u tissottometti illi d-dritt fundamentali jirbah fuq cirkolari li tipprojbixxi lill-Pulizija milli jiehdu sehem f'intervisti minghajr il-permess esplicitu tal-Kummissarju.

70. L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jaqra hekk:

> 1. Everyone has the right to freedom of expression. This right shall include freedom to hold opinions and to receive and impart information and ideas without interference by public authority and regardless of frontiers. This Article shall not prevent States from requiring the licensing of broadcasting, television or cinema enterprises.
>
> 2. The exercise of these freedoms, since it carries with it duties and responsibilities, may be subject to such formalities, conditions, restrictions or penalties as are prescribed by law and are necessary in a democratic society, in the interests of national security, territorial integrity or public safety, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, for the protection of the reputation or rights of others, for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary.

71. Ir-rikorrenti tfisser hekk dan l-aggravju taghha:

> "Jibda biex jinghad li d-drittijiet fondamentali mhux soggetti ghall-permess jew koncessjoni ta' hadd. Precipwament dan japplika ghal-liberta' tal-espressjoni. Illi persuna tiehu sehem f'programm televisiv, fejn kif jirrisulta kien hemm ukoll membru iehor tal-korp tal-pulizija bil-benedizzjoni tal-Kummissarju, qatt ma jistax jigi meqjus li jmur kontra xi ligi, ghax id-dritt fondamentali jerbah fuq il-ligi jew regolament jew cirkolari.
>
> "Li messha ghamlet l-ewwel Qorti kienet li tezamina jekk kienx hemm gustifikazzjoni taht xi wahda mill-eccezzjonijiet li tipprovdi l-Konvenzjoni, kemm in generali u kemm ghall-kaz partikolari. Ic-cirkolari barra li tista' titqies lig; kienet tosserva xi wiehed mill-kriterji "are necessary in a democratic society, in the interests of national security, territorial integrity or public safety, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, for the protection of the reputation or rights of others. for preventing the disclosure of information received in confidence, or for maintaining the authority and impartiality of the judiciary."? Hemm ukoll it-test tal-proporzjonalita'.
>
> "Il-Kummissarju u l-PSC sabu !-htija ghas-semplici raguni li hadet sehem fi programm bla permess. Xejn ma ntqal dwar il-kontenut
>
> "Imqar jekk ir-regolament, *dato e non concesso,* fih innifsu ma jiksirx il-Konvenjzoni, umbaghad wiehed irid jara l-applikazzjoni tieghu fil-kaz partikolari. L-intimati baqghu jpercu c-cirkolari."

72. B'referenza ghall-aggravju tar-rikorrenti, din il-Qorti tqis bhala superfluwa s-sottomissjoni tar-rikorrenti illi *dato e non concesso* illi r-regolament fih innisfu ma jiksirx il-Konvenzjoni, wiehed irid jara l-applikazzjoni tieghu fil-kaz partikolari. In kwantu r-rikorrenti lanqas biss talbet tali permess, din il-Qorti ma tarax kif hija tista' qatt tissindika l-applikazzjoni tieghu ghall-kaz partikolari. Kien ikun xenarju differenti li kieku r-rikorrenti talbet ghal permess u dan gie lilha michud. F'dak il-kaz wiehed seta' tassew jistharreg l-applikazzjoni tieghu, izda fil-kaz de quo, din il-Qorti tista' tissindika biss jekk tali cirkolari tmurx kontra l-ispirtu tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni jew jekk tinkwadrax ruhha fl-

ambitu tal-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali previsti mill-ligi.

73. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-kaz **Handyside v. United Kingdom**[22] fejn il-Qorti Ewropea stabbilit is-segwenti principji:

> “Freedom of expression constitutes one of the essential foundations of such a society, one of the basic conditions for its progress and for the development of every man. Subject to [legitimate restrictions] it is applicable not only to "information" or "ideas" that are favourably received or regarded as inoffensive or as a matter of indifference, but also to those that offend, shock or disturb the State or any sector of the population. Such are the demands of that pluralism, tolerance and broadmindedness without which there is no "democratic society". This means, amongst other things, that every "formality", "condition", "restriction" or "penalty" imposed in this sphere must be proportionate to the legitimate aim pursued. (para. 49)”

74. Ir-restrizzjonijiet ghal dan id-dritt fundamentali jinsabu espressi b’mod konciz fil-ktejjeb *Freedom of Expression: A guide to the implementation of Article 10 of the European Convention on Human Rights*[23] fejn jinghad:

> 'According to paragraph 2, domestic authorities in any of the Contracting States may interfere with the exercise of freedom of expression where three cumulative conditions are fulfilled: [1] the interference (meaning “formality”, “condition”, “restriction” or “penalty”) is prescribed by law, [2] the interference is aimed at protecting one or more of the following interests or values: national security; territorial integrity; public safety; prevention of disorder or crime; protection of health; morals; reputation or rights of others; preventing the disclosure of information received in confidence, and; maintaining the authority and impartiality of

[22] ECHR, Applic No: 5493/72, 7/12/1976
[23] Human Rights Handbooks No 2, Monica Macovei, Council of Europe 2001, 2004

> the judiciary, [3] the interference is necessary in a democratic society.[24]

75. Fil-kaz in ezami, din il-Qorti tosserva li l-interferenza in kwistjoni tohrog minn Cirkolari Nru GHQ 47/02 li hija ordni bil-miktub mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, kif ghandu dritt li jaghmel abbazi, fost ohrajn tal-Artikolu 108 tal-Kap 164 tal-Ligijiet ta' Malta. Din ic-cirkolari tistipula illi membri tal-Korp jehtiegu l-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikunu jistghu jiehdu sehem f'intervisti fuq il-mezzi tax-xandir.

76. In vista tal-fiducja pubblika li biha ghandu jkun moghni l-korp tal-Pulizija, ma hemmx dubju illi din ir-restrizzjoni imposta fuq il-membri taghha hija intiza biex tissalvagwardja kwazi l-valuri kollha imsemmija taht it-tieni kundizzjoni hawn fuq riportata. Ghalhekk, l-ordni kontenuta fic-cirkolari ma tistax validament titqies li hi leziva tad-dritt tal-espressjoni.

77. Il-fatt li membru tal-korp tal-pulizija ghandu jitlob il-permess tal-Kummissarju ta-Pulizija qabel ma jaghti intervisti lill-*media* tax-xandir, huwa necessarju in vista wkoll tal-fiducja pubblika li l-korp ghandu jigawdi u dan, sabiex ir-reputazzjoni tal-korp tigi protetta u salvagwardata u tibqa' hielsa minn dibattiti li ma humiex konsoni ma' dak li l-korp tal-Pulizija ghandu jirrapprezenta. Dan hu hekk mhux biss

[24] Ibid Pg 29

fl-interess tal-korp u tal-membri tieghu, izda wkoll fl-interess tas-socjeta` in generali. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li l-mizura kontemplata fic-cirkolari imsemmija mhijiex sproporzjonata mal-ghan taghha.

78. Fir-rikors tal-appell taghha r-rikorrenti tilmenta li xejn ma ntqal dwar il-kontenut, presumibilment il-kontenut tal-programm. Filwaqt li din il-Qorti tinnota li ma hemm ebda htiega illi jigi mistharreg il-kontenut in kwantu dak li qed jigi ikkontestat mir-rikorrenti huwa n-nuqqas taghha li titlob il-permess tal-Kummissarju bhala membru tal-Korp, jinghad illi anke harsa *prima facie* lejn il-kontenut tal-intervista tar-rikorrenti kif deskritta minnha stess fl-affidavit taghha[25], turi li kien hemm bosta inkongruwenzi bejn il-kontenut tal-intervista u r-rwol taghha bhala ufficjal tal-pulizija.

79. In mertu din il-Qorti tinnota li meta r-rikorrenti marret is-Sirja sabiex iggib lura *"tifla ta' Maltija, misruqa"*, dan ghamlitu minghajr il-permess tal-Kummissarju, tenut kont li r-rikorrenti kienet ghadha pulizija, dahlet f'sitwazzjoni delikata hafna li seta' kellha riperkussjonijiet fuq livell internazzjonali. Din il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li anke l-mertu tal-intervisti msemmija kien jitlob l-interferenza tal-iStat fl-interess tas-sigurta` nazzjonali, l-prevenzjoni tad-disordni pubblika u ta' reati kriminali f'socjeta` demokratika. Dan proprju juri l-ghala u r-raguni valida wara l-kontenut tac-cirkolari li, sakemm wiehed ghadu membru

[25] Fol. 27 et seq

tal-korp tal-pulizija, huwa fid-dmir li jsegwi l-ordnijiet tal-Kummissarju li fost l-obbligi tieghu ghandu dak li jiehu dawk il-mizuri necessarji sabiex il-korp jaqdi l-funzjonijiet tieghu skont il-ligi fl-interess tas-socjeta' in generali u li hadd mill-membri tal-korp ma jiehu inizjattivi dwar intervisti jew xandir qabel ma jottjeni l-permess minghandu.

80. Rigward il-kazijiet ikkwotati mir-rikorrenti, jinghad li l-kaz **Nilsen and Johnsen v. Norway** [App. 23118/93] li kien jittratta defamazzjoni taht il-ligi Norvegiza ma ghandu ebda analogija mal-kaz in kwistjoni hlief ghall-fatt li l-applikanti kienu pulizija. In kwantu **Guja v. Moldova** [App. 14277/04], dan kien kaz li jitratta l-pubblikazzjoni ta' zewg ittri kunfidenzjali, li potenzjalment setghu kienu prova ta' abbuz ta' poter u ghalhekk ta' agir illegali. Anke dan il-kaz ma jistax jigi paragunat mal-kaz odjern.

81. Ghaldaqstant ir-raba' aggravju tar-rikorrenti huwa infondat u qieghed jigi respint.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha. Tordna li l-ispejjez tal-Prim Istanza

jibqghu kif decizi, filwaqt li l-ispejjez ta’ dan l-appell ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb